Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
ippreżentati fl-4 ta' Settembru 2025[1]

**Kawża C-440/23**

**FB**
**vs**
**European Lotto and Betting Ltd.,**
**Deutsche Lotto Und Sportwetten Ltd.**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Malta)

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Artikolu 56 TFUE – Logħob tal-ażżard – Operaturi tal-logħob tal-ażżard stabbiliti u liċenzjati fl-Istat Membru A, li joffru logħob tal-ażżard online fl-Istat Membru B – Projbizzjoni tal-logħob tal-ażżard online fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru B – Azzjoni ċivili mressqa fl-Istat Membru A għax-xoljiment tal-kuntratt tal-logħob tal-ażżard u r-rimbors tal-imħatri magħmula bbażata fuq motiv ta' illegalità ta' dan il-kuntratt taħt il-liġi tal-Istat Membru B – Difiża bbażata fuq l-inkompatibbiltà ta' din il-liġi mal-Artikolu 56 TFUE – Ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru A biex jistħarrġu l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-liġi tal-Istat Membru B – Difiża bbażata fuq abbuż tad-dritt tal-Unjoni"

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Malta, tirrigwarda azzjoni mressqa, quddiem dik il-qorti, miċ-ċessjonarju ta' konsumatur abitwalment residenti fil-Ġermanja kontra żewġ kumpanniji stabbiliti f'Malta. Ir-rikorrent qiegħed ifittex li jirkupra l-imħatri li dan il-konsumatur kien għamel (u tilef) meta pparteċipa f'logħob tal-ażżard offrut minn dawn il-kumpanniji. F'dan is-sens, huwa jallega li, minħabba li tali logħob kien ġie offrut fil-Ġermanja bi ksur tar-regoli Ġermaniżi dwar il-logħob tal-ażżard, il-kuntratt sottostanti tal-logħob tal-ażżard kien illegali u, għalhekk, null u bla effett. Għaldaqstant, tali kumpanniji għandhom jirrestitwixxu dawn l-imħatri.

2. Il-kumpanniji konvenuti jqajmu żewġ difiżi kontra din it-talba ta' restituzzjoni. L-ewwel, il-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni huwa legali u, għalhekk, validu. Tabilħaqq, ir-regoli Ġermaniżi dwar il-logħob tal-ażżard ma għandhomx jiġu applikati fil-kawża prinċipali peress li jmorru kontra l-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE. It-tieni, tali talba tikkostitwixxi, fi kwalunkwe każ, abbuż tad-dritt tal-Unjoni.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

3. Id-domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju jirrigwardaw dawn iż-żewġ motivi. Madankollu, kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja, sejjer nillimita dawn il-konklużjonijiet għall-analiżi (i) tal-ammissibbiltà tad-domandi relatati mal-ewwel difiża u, f'dan il-kuntest, tal-kwistjoni delikata ta' jekk, u sa liema punt, il-qrati ta' Stat Membru (hawnhekk, ir-Repubblika ta' Malta) għandhomx ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tar-regoli nazzjonali ta' Stat Membru ieħor (hawnhekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) u (ii) it-tieni difiża.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 [2] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I"), intitolat "Kuntratti ta' konsum", jipprovdi li:

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 5 u 7, kuntratt konkluż minn persuna fiżika għal skop li jista' jitqies bħala mhux relatat mas-sengħa jew professjoni tagħha ('il-konsumatur'), ma' persuna oħra li taġixxi fl-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni tagħha ("il-professjonist") għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kondizzjoni li:

[…]

(b) bi kwalunkwe mezz, jindirizza dawn l-attivitajiet lejn dak il-pajjiż jew lejn diversi pajjiżi inkluż dak il-pajjiż,

u li l-kuntratt jaqa' fl-ambitu ta' dawn l-attivitajiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-partijiet jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli għal kuntratt li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1, skond l-Artikolu 3. Tali għażla, madankollu, ma tistax twassal sabiex iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu minn dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu derogati bi ftehim taħt il-liġi li, fin-nuqqas ta' l-għażla, kienet tkun applikabbli abbażi tal-paragrafu 1."

### B. Id-dritt Ġermaniż

5. Fiż-żmien rilevanti, l-Artikolu 4 tas-Staatsvertrag zum Glücksspielwesen in Deutschland (It-Trattat tal-Istat dwar il-Logħob tal-Ażżard fil-Ġermanja) tal-15 ta' Diċembru 2011 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard") kien jipprovdi li:

"(1) L-organizzazzjoni u s-senserija tal-logħob tal-ażżard pubbliku jistgħu jsiru biss bil-permess tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż rispettiv. L-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard mingħajr tali permess (logħob tal-ażżard mhux liċenzjat) u l-parteċipazzjoni fi ħlasijiet b'konnessjoni ma' logħob tal-ażżard mhux liċenzjat huma pprojbiti.

[…]

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

(4) L-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard pubbliku fuq l-internet hija pprojbita.

(5) B'deroga mill-paragrafu 4, il-[Länder] jista', sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tal-Artikolu 1, jippermetti d-distribuzzjoni diretta u s-senserija ta' lotteriji kif ukoll l-organizzazzjoni u s-senserija ta' mħatri sportivi fuq l-internet […]"

6. L-Artikolu 134 tal-Blirgerliches Gesetzbuch (il-"Kodiċi Ċivili Ġermaniż") jispeċifika li "tranżazzjoni legali li tikser projbizzjoni legali hija nulla, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor".

7. L-Artikolu 812 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż jiddikjara li "kull min, mingħajr bażi legali u għad-detriment ta' terz, jikseb xi ħaġa permezz ta' prestazzjoni ta' dan it-terz jew b'xi mod ieħor, huwa obbligat li jirrestitwixxi l-ħaġa lil dan it-terz" [3].

## III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari

8. Mid-digriet tar-rinviju u mit-tweġiba tal-qorti tar-rinviju għal talba għal kjarifika mibgħuta mill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li European Lotto and Betting Ltd. u Deutsche Lotto Und Sportwetten Ltd. (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"kumpanniji konvenuti") joffru "lotteriji sekondarji" online (forma ta' mħatri fuq it-tlugħ ta' lotteriji organizzati minn fornituri ta' lotteriji) u slot machines online mill-uffiċċju rreġistrat tagħhom ġewwa Malta. Dawn il-kumpanniji jindirizzaw l-attività tagħhom lejn, fost l-oħrajn, il-Ġermanja permezz tas-sit Lottoland.com. Fiż-żmien rilevanti, il-kumpanniji konvenuti kellhom liċenzja tal-logħob tal-ażżard maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (iktar 'il quddiem l-"AML"), skont il-liġi Maltija. Madankollu, ma kellhomx liċenzja tal-logħob tal-ażżard fil-Ġermanja, meħtieġa mil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard [4].

9. Bejn il-5 ta' Ġunju 2019 u t-12 ta' Lulju 2021, konsumatur residenti abitwalment f'Erfurt il-Ġermanja (iktar 'il quddiem il-"ġugatur") ħa sehem f'"lotteriji sekondarji" u lagħab fuq slot machines online fuq is-sit tal-internet tal-kumpanniji konvenuti. Għal dan il-għan, huwa qabel mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tagħhom, u b'dan il-mod effettivament ikkonkluda kuntratt tal-logħob tal-ażżard ma' (waħda minn) dawn il-kumpanniji [5]. Huwa lagħab (u tilef) ammont konsiderevoli ta' flus b'dan il-mod.

10. Sussegwentement, il-ġugatur ressaq talba għar-restituzzjoni tal-flejjes li lagħab f'dan il-logħob tal-ażżard kontra l-kumpanniji konvenuti quddiem il-Landesgericht Erfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Erfurt, il-Ġermanja).

11. Permezz ta' kuntratt konkluż fil-21 ta' Novembru 2022, waqt li dawk il-proċeduri kienu għadhom pendenti, il-ġugatur ċeda din l-azzjoni lil FB. Sussegwentement, il-ġugatur irtira t-talba tiegħu.

[3] It-traduzzjoni bl-Ingliż ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi Ġermaniża ġiet ipprovduta mill-qorti tar-rinviju fid-digriet tar-rinviju tagħha.

[4] Filwaqt li hemm dibattitu dwar dan il-punt (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 53 iktar 'il quddiem), jidher li, fiż-żmien rilevanti, il-kumpanniji konvenuti ma setgħux jiksbu liċenzja bħal din għaliex il-logħob tal-ażżard online kien, bħala regola, ipprojbit (ara l-Artikolu 4(4) tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard). Filwaqt li kien hemm eċċezzjoni li tippermetti li jingħataw liċenzji għal-lotteriji (ara l-Artikolu 4(5) ta' dik il-liġi), jidher li (i) il-"lotteriji sekondarji" ma kinux meqjusa bħala lotteriji ġenwini, iżda bħala forma ta' mħatri online ipprojbiti u (ii), fi kwalunkwe każ, il-liċenzji biex jiġu organizzati lotteriji ngħataw biss lil operaturi kkontrollati mil-Länders Ġermaniżi (li ma kienx il-każ fil-każ tal-kumpanniji konvenuti).

[5] Mid-digriet tar-rinviju ma huwiex ċar għal kollox ma' liema mill-kumpanniji konvenuti kien ġie konkluż dan il-kuntratt.

12. Fil-21 ta' Jannar 2023, FB ressaq it-talba ta' restituzzjoni assenjata lilu kontra l-kumpanniji konvenuti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Hemmhekk, FB allega li dawn il-kumpanniji offrew logħob tal-ażżard fil-Ġermanja illegalment, peress li ma kellhomx liċenzja mill-awtoritajiet Ġermaniżi għal dan il-għan, kif meħtieġ mil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard. Għalhekk, il-kuntratt tal-logħob tal-ażżard konkluż mill-ġugatur kien illegali u, bħala tali, null u bla effett skont l-Artikolu 134 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż. Għaldaqstant, dawn il-kumpanniji kienu obbligati, skont l-Artikolu 812 ta' tali kodiċi (arrikkiment indebitu) li jirrestitwixxu l-imħatri magħmula mill-ġugatur.

13. Il-kumpanniji konvenuti sostnew li t-talba ta' FB għandha tiġi miċħuda fuq il-merti. Huma qajmu żewġ difiżi f'dan ir-rigward. L-ewwel, bħala kumpanniji stabbiliti f'Malta u li joperaw abbażi ta' liċenzja Maltija valida tal-logħob tal-ażżard, huma pprovdew is-servizz tagħhom fil-Ġermanja legalment taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE. Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard kienu jimponu restrizzjoni mhux iġġustifikata għal din il-libertà u, għalhekk, ma għandhomx jiġu applikati fil-kawża prinċipali. Għalhekk, il-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni għandu jitqies bħala legali, validu u infurzabbli. It-tieni, tali talba ta' restituzzjoni tikkostitwixxi abbuż tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-ġugatur fittex u pparteċipa minn jeddu fil-logħob tal-ażżard inkwistjoni b'għarfien sħiħ tal-fatt li dawn kienu offruti minn operaturi stabbiliti f'Malta u mhux liċenzjati fil-Ġermanja.

14. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel d-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat bħala li l-ksur tal-libertà ta' servizzi permezz ta' projbizzjoni ġenerali ta' slots online fl-Istat Membru tal-konsumatur (l-Istat ta' destinazzjoni) [vis-à-vis] operaturi tal-każinò online li huma liċenzjati u rregolati fl-Istat ta' oriġini tagħhom (Malta) ma jistax ikun iġġustifikat b'raġunijiet imperattivi tal-ġid komuni,

– jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni fl-istess ħin qiegħed jippermetti logħob tal-ażżard simili, liema logħob huwa pprovdut fi stabbilimenti fiżiċi kullimkien bi slots liċenzjati misjuba fi swali tal-logħob diġitali u ristoranti għal operaturi privati, logħob tal-ażżard iktar intensiv f'każinòs li jinsabu fi stabbilimenti fiżiċi, operazzjonijiet liċenzjati tal-lotterija nazzjonali operati mil-lotteriji tal-Istat f'iktar minn 20,000 ħanut aġent li jindirizzaw lill-pubbliku, u

– li jippermetti operazzjonijiet liċenzjati ta' logħob tal-ażżard online għal operaturi privati ta' attività ta' imħatri sportivi u mħatri marbuta mat-tiġrijiet taż-żwiemel u għal brokers privati tal-lotterija online li jbiegħu l-prodotti tal-lotteriji proprjetà tal-Istat u ta' lotteriji liċenzjati oħrajn,

filwaqt li l-istess Stat Membru – kuntrarju għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fi C-148/15 Deutsche Parkinson (punt 35), C-316/07 Markus Stoß u C-42/02 Lindman – apparentement ma pprovdiex prova xjentifika li turi li hemm perikoli speċifiċi f'dawn il-logħob li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-kisba tal-għanijiet mfittxija mir-regolamenti tiegħu, b'mod partikolari l-prevenzjoni ta' attivitajiet ta' logħob tal-ażżard problematiku, u li fid-dawl ta' dawn il-perikoli, li l-projbizzjoni tiġi ristretta għal slots online – b'kuntrast għall-offerti kollha tal-logħob tal-ażżard li huma permessi għal slots online u slots ipprovduti fi stabbilimenti fiżiċi – tista' titqies xierqa, obbligatorja u proporzjonata sabiex jintlaħqu l-għanijiet regolatorji.

2) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi l-applikazzjoni ta' projbizzjoni totali ta' attività tal-każinò online inkluża fil-paragrafu 4(1) u (4) [tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard] jekk [din il-liġi], skont il-[paragrafu 1 tagħha], ma għandux l-iskop ta' projbizzjoni totali tal-logħob tal-ażżard, iżda li "jmexxi l-istint naturali tal-attività tal-logħob tal-ażżard tal-popolazzjoni lejn sistemi ordnati u sistemi ta' superviżjoni kif ukoll li jikkontrobilanċja l-iżvilupp u l-firxa tal-attività ta' logħob tal-ażżard mhux awtorizzata fi swieq illegali" u talba kunsiderevoli minn ġugaturi ta' slots online teżisti?

3) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat b'tali mod li projbizzjoni ġenerali ta' offerti ta' każinò online ma tistax tiġi applikata jekk

– gvernijiet fl-Istati Federali kollha ta' dan l-Istat Membru diġà ftehmu li l-perikoli ta' tali offerti ta' logħob tal-ażżard online jistgħu jiġu miġġielda b'mod iktar effettiv permezz ta' sistema ta' approvazzjoni uffiċjali minn qabel milli permezz ta' projbizzjoni totali, u

– fasslu u ftehmu fuq il-qafas regolamentari futur permezz ta' trattat statali korrispondenti li jissostitwixxi l-projbizzjoni totali b'sistema ta' approvazzjoni minn qabel,

– u b'antiċipazzjoni ta' dan ir-regolament futur, jiddeċiedu li jaċċettaw offerti korrispondenti ta' attività ta' logħob tal-ażżard mingħajr permess Ġermaniż suġġett għall-osservanza ta' ċerti rekwiżiti sakemm jinħarġu liċenzji Ġermaniżi,

għalkemm skont C-409/06 Winner Wetten, id-dritt tal-Unjoni Ewropea ma jistax jiġi temporanjament sospiż?

4) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat b'tali mod li Stat Membru (ta' destinazzjoni) ma jistax jiġġustifika regolament nazzjonali b'raġunijiet imperattivi tal-ġid komuni, jekk

– dak ir-regolament jipprojbixxi lill-konsumaturi milli jagħmlu mħatri transkonfinali liċenzjati fi Stat Membru ieħor (ta' oriġini) f'lotteriji liċenzjati fl-Istat Membru ta' destinazzjoni li huma permessi u rregolati hemm u

– jekk il-lotteriji huma liċenzjati fl-Istat Membru ta' destinazzjoni u r-regolament għandu l-għan li jipproteġi ġugaturi u minuri

– u jekk ir-regolament tal-attività liċenzjata tal-imħatri fuq lotteriji fl-Istat Membru ta' oriġini għandu l-għan ukoll li jipproteġi ġugaturi u minuri u jipprovdi l-istess livell ta' protezzjoni bħar-regolament tal-lotteriji fl-Istat ta' destinazzjoni?

5) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat b'tali mod li din ir-regola tipprekludi l-irkupru ta' imħatri mitlufa matul il-parteċipazzjoni f'lotteriji (sekondarji) abbażi tal-affermata illegalità tat-tranżazzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' liċenzja fl-Istat Membru tal-konsumatur, jekk

– tali liċenzja għal lotteriji (sekondarji) privati hija eskluża fil-liġi,

– u dik l-esklużjoni hija ġġustifikata mill-qrati nazzjonali b'differenza affermata bejn imħatra magħmula mal-operatur statali fuq l-eżitu ta' lotterija organizzata mill-Istat u mħatra magħmula ma' organizzatur privat fuq l-eżitu ta' lotterija statali?

6) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat b'tali mod li jipprekludi l-irkupru ta' imħatri mitlufa matul parteċipazzjoni f'lotteriji (sekondarji) bbażati fuq l-affermata illegalità tat-tranżazzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' liċenzja fl-Istat Membru tal-konsumatur jekk

– hemm esklużjoni ta' tali liċenzja għal lotteriji (sekondarji) privati fil-liġi

– u jekk dik l-esklużjoni favur l-organizzaturi tal-lotterija tal-Istat hija ġġustifikata mill-qrati nazzjonali b'differenza affermata bejn imħatra magħmula ma' operatur statali fuq l-eżitu ta' lotterija organizzata mill-Istat u mħatra magħmula ma' organizzatur privat fuq l-eżitu tal-istess lotterija tal-istat?

7) L-Artikolu 56 TFUE u l-projbizzjoni tal-abbuż ta' dritt C-423/15 *Niels Kratzer*, għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu talba għal rimbors ta' imħatri mitlufa bbażata fuq in-nuqqas ta' permess Ġermaniż u arrikkiment indebitu fejn l-organizzatur huwa liċenzjat u jaqa' taħt is-superviżjoni ta' awtoritajiet fi Stat Membru ieħor u t-talbiet għall-assi u għall-ħlas tal-ġugatur huma ggarantiti mil-liġi tal-Istat Membru li fih l-organizzatur huwa stabbilit?"

15. It-talba preżenti għal deċiżjoni preliminari, bid-data tal-11 ta' Lulju 2023, ġiet ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2023. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn FB, mill-kumpanniji konvenuti, mill-Gvern Malti, Ċek, Ġermaniż, Belġjan u Taljan kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet interessati, ħlief għall-Gvern Ċek u Taljan, kienu rrappreżentati fis-seduta li saret fid-9 ta' April 2025.

## IV. Analiżi

16. Din il-kawża hija waħda minn sensiela ta' kawżi li jirrigwardaw il-logħob tal-ażżard offrut online minn kumpanniji stabbiliti f'Malta. Normalment, is-siti tal-internet li joperaw mhux biss huma aċċessibbli minn, iżda wkoll diretti (permezz tal-ismijiet ta' dawn is-siti, il-lingwi wżati fihom, ir-reklamar, eċċ.) lejn Stati Membri oħra (inkluż, hawnhekk, il-Ġermanja). Normalment, filwaqt li dawn il-kumpanniji jipprovdu s-servizzi tagħhom abbażi ta' liċenzji tal-logħob tal-ażżard mogħtija mill-awtoritajiet Maltin, skont il-liġi Maltija (li huma intiżi li jkopru l-offerta ta' logħob tal-ażżard mhux biss *ġewwa* Malta, iżda wkoll *minn* Malta). Madankollu, huma ma humiex liċenzjati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri mmirati biex joffru tali logħob fit-territorju tagħhom, kif meħtieġ skont ir-regoli li jirregolaw il-logħob tal-ażżard ta' dawk l-Istati (jew joffru logħob li huwa kompletament ipprojbit fl-Istat inkwistjoni, bħall-online slot machines u l-"lotteriji sekondarji" [6] inkwistjoni fil-kawża prinċipali).

17. Numru sinjifikattiv ta' konsumaturi f'dawn l-Istati Membri mmirati jipparteċipaw f'dan il-logħob tal-ażżard online. Ħafna minnhom jitilfu ammonti konsiderevoli ta' flus. Fi snin reċenti, tali ġugaturi fittxew li jirkupraw it-telf tagħhom billi fetħu (jew impjegaw avukati speċjalizzati biex jiftħu f'isimhom) proċeduri ċivili quddiem il-qrati "lokali" tagħhom kontra kumpanniji tal-logħob tal-ażżard Maltin. Normalment, l-azzjoni tkun li (i) il-konsumatur lagħab u tilef flus fil-logħob tal-ażżard taħt kuntratt tal-logħob tal-ażżard konkluż ma' waħda minn dawn il-kumpanniji; (ii) minħabba li l-kumpannija inkwistjoni ma kinitx liċenzjata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru mmirat, dan il-kuntratt kien, fil-fatt, illegali u, għalhekk, null u bla effett taħt il-liġi kuntrattwali "lokali"; (iii) għaldaqstant, il-kumpannija inkwistjoni hija meħtieġa tirrestitwixxi tali mħatri taħt

[6] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 iktar 'il fuq.

il-liġi "lokali" dwar l-arrikkiment indebitu. Milli jidher, eluf ta' talbiet bħal dawn ġew ittrattati jew bħalissa huma pendenti fl-Awstrija u fil-Ġermanja[7]. Jidher ukoll li, sa issa, fil-maġġoranza tal-każijiet, dawk il-qrati laqgħu tali talbiet[8].

18. Kif wieħed jista' jimmaġina, il-kumpanniji tal-logħob tal-ażżard Maltin jikkontestaw dawn it-talbiet ta' restituzzjoni. Jidher li, ħafna drabi, jirrifjutaw li jikkonformaw mas-sentenzi mogħtija kontrihom għaliex iqisu li dawn is-sentenzi huma manifestament żbaljati. Huma sabu appoġġ fil-leġiżlatura Maltija f'dan ir-rigward. Billi qieset (i) li l-Istati Membri mmirati, billi jimponu r-regoli "lokali" tagħhom dwar il-logħob tal-ażżard fuq il-kumpanniji Maltin tal-logħob tal-ażżard, jirrestrinġu b'mod mhux iġġustifikat il-libertà ta' dawn il-kumpanniji li jipprovdu servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE u (ii) li tali talbiet jista' jkollhom impatt gravi fuq l-industrija Maltija tal-logħob tal-ażżard, din il-leġiżlatura adottat, fit-12 ta' Ġunju 2023, leġiżlazzjoni, l-"Abbozz ta' Liġi 55", li żiedet Artikolu 56A ġdid mal-Att Malti dwar il-Logħob. Dan l-artikolu jiddikjara, essenzjalment, li t-talbiet tal-ġugaturi li għandhom dubji dwar il-legalità tal-logħob offrut minn kumpanniji Maltin ma humiex ammissibbli quddiem il-qrati Maltin, u li kwalunkwe sentenza barranija li tilqa' tali talba ma hijiex ser tiġi rrikonoxxuta jew infurzata f'Malta bħala kwistjoni ta' ordni pubbliku.

19. F'dan il-kuntest partikolari, il-kawża preżenti hija sensittiva, peress li jikkonċerna talba ta' restituzzjoni mressqa mhux mill-ġugatur quddiem il-qorti "lokali" tiegħu (f'dan il-każ dik *Ġermaniża*), iżda minn avukat li xtara u ġie assenjat din it-talba, quddiem qorti *Maltija. Dik il-qorti* hija mitluba, permezz ta' difiżi mqajma mill-kumpanniji konvenuti, tistħarreġ (i) il-kompatibbiltà tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE u (ii) in-natura abbużiva ta' tali talbiet ta' restituzzjoni[9].

20. L-ewwel sitt domandi jiffokaw fuq l-ewwel difiża. Fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, mhux sejjer nindirizza, fit-Taqsima A iktar 'il quddiem, il-merti ta' dawn id-domandi, iżda biss l-ammissibbiltà tagħhom, li hija kkontestata minn diversi gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet. Is-seba' domanda tikkonċerna t-tieni difiża mqajma mill-kumpanniji konvenuti, li skontha talba ta' restituzzjoni bħal dik inkwistjoni tikkostitwixxi abbuż tad-dritt tal-Unjoni. Sejjer neżaminaha fit-Taqsima B iktar 'il quddiem.

## A. L-ammissibbiltà tal-ewwel sitt domandi

21. Il-Gvern Malti (b'mod kemxejn sorprendenti), Ġermaniż u Taljan jikkontestaw l-ammissibbiltà tal-ewwel sitt domandi, fid-dawl (fost oħrajn) tas-sentenzi importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Foglia I[10] u fil-kawża Foglia II[11].

22. Ta' min ifakkar li l-każ li wassal għal dawk is-sentenzi kien jikkonċerna tilwima kuntrattwali bejn żewġ ċittadini Taljani, imressqa quddiem qorti *Taljana*, fejn inċidentalment tqajmet il-kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' taxxa *Franċiża* mal-Artikolu 95 KEE (issa l-Artikolu 110 TFUE). Dik il-qorti Taljana għamlet diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, imfassla biex jgħinuha tevalwa din il-kompatibbiltà. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li

[7] Ara Pena, P. u Schumann, H., Peigné, M., "EU citizens lose out as Malta regulatory 'sledgehammer' protects gambling giants", *Investigate Europe*, 6 ta' Marzu 2025).

[8] Għalkemm mhux dejjem, ara t-Taqsima B hawn taħt.

[9] Ara l-punt 13 iktar 'il fuq.

[10] Sentenza tal-11 ta' Marzu 1980, Foglia (104/79, iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Foglia I" EU:C:1980:73).

[11] Sentenza tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia (244/80, iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Foglia II", EU:C:1981:302).

għandha turi attenzjoni speċjali fir-rigward tal-ammissibbiltà[12] ta' "domandi [... ] magħmula lilha bil-għan li l-qorti nazzjonali tkun tista' tiddeċiedi jekk il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor hijiex konformi mad-dritt [tal-Unjoni]"[13]. Barra minn hekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ (b'mod partikolari l-fatt li l-partijiet fil-kawża prinċipali donnhom kienu jaqblu li t-taxxa Franċiża ma kinitx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u ma kkontestawhiex quddiem il-qrati Franċiżi), hija rrifjutat li tipprovdi risposta għad-domandi magħmula, għar-raġuni li dak il-każ kien "mezz proċedurali miftiehem bejn il-partijiet" sabiex jinkiseb stħarriġ tal-liġi Franċiża minn Qorti Taljana u, f'dak il-kuntest, "biex il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti l-opinjoni tagħha dwar ċerti problemi tad-dritt [tal-Unjoni] li ma jikkorrispondux għal rekwiżit oġġettiv inerenti fir-riżoluzzjoni ta' tilwima [ġenwina]"[14].

23. F'din il-kawża, l-oġġezzjonijiet imressqa mill-Gvern Malti, Ġermaniż u dak Taljan jikkonċernaw, b'mod iktar speċifiku, il-fatt (1) li d-digriet tar-rinviju allegatament ma jinkludix biżżejjed informazzjoni biex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tivverifika li risposta min-naħa tagħha fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Artikolu 56 TFUE ta' regoli, bħal dawk stabbiliti fil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard hija "meħtieġa" biex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tagħti sentenza, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE; (2) li, fi kwalunkwe każ, tali risposta qatt ma tista' tkun daqstant "meħtieġa" għaliex il-qrati ta' Stat Membru allegatament ma għandhom l-ebda ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kompatibbiltà tad-dritt ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni; u (3) li anki li kieku teżisti tali ġurisdizzjoni, it-tilwima fil-kawża prinċipali, bħal dik li wasslet għas-sentenzi fil-kawżi Foglia I u Foglia II, ma hijiex allegatament "ġenwina". Sejjer nindirizza dawn l-oġġezzjonijiet individwalment fit-taqsimiet li ġejjin.

### *1. L-informazzjoni pprovduta hija suffiċjenti*

24. L-oġġezzjoni dwar l-(allegata) insuffiċjenza tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, imressqa mill-Gvern Ġermaniż biss, għandha żewġ aspetti.

25. Minn naħa waħda, il-Gvern Ġermaniż isostni li d-digriet tar-rinviju ma jispeċifikax jekk FB fil-fatt għandux dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. L-ewwel, ma hemm l-ebda indikazzjoni, f'tali digriet, li t-talba ta' restituzzjoni inkwistjoni ġiet legalment ċeduta lil FB. Għall-kuntrarju, jidher li t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali li kienu japplikaw għall-kuntratt tal-logħob tal-ażżard sottostanti kienu jipprojbixxu lill-ġugaturi milli jċedu d-drittijiet tagħhom skont dan il-kuntratt. It-tieni, l-Artikolu 56A tal-Att Malti dwar il-Logħob jagħmel tali talba ta' restituzzjoni inammissibbli quddiem il-qrati Maltin[15]. Jekk it-talba ta' FB tiġi kompletament miċħuda minħabba li ma għandux tali dritt ta' azzjoni, ma jkunx hemm bżonn li wieħed jidħol fil-merti tal-imsemmija talba, u għalhekk id-domandi magħmula jsiru ipotetiċi.

26. F'dan ir-rigward, nosserva li, fuq talba għal kjarifika mibgħuta mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju ċaħdet dan it-tħassib, u ma hemm xejn, fl-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jissuġġerixxi li t-talba ta' FB hija manifestament inammissibbli. L-ewwel,

[12] B'mod iktar preċiż, f'dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak li iss huwa l-Artikolu 267 TFUE ma jkunux issodisfatti, ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar id-domandi magħmula (ara s-sentenzi fil-kawża Foglia I (punt 13 u d-dispożittiv tagħha) u fil-kawża Foglia II (punti 19 u 30). Għall-kuntrarju, f'sentenzi oħra, hija kkunsidrat li, f'każijiet bħal dawn, id-domandi huma inammissibbli (ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' April 2025, Swiftair (C-701/23, EU:C:2025:237, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata)). Peress li ż-żewġ approċċi jwasslu għall-istess riżultat fil-prattika, mhux meħtieġ li din id-diverġenza tiġi indirizzata f'dan il-każ. Għal raġunijiet ta' sempliċità, sejjer nikkunsidra l-kwistjoni bħala waħda ta' ammissibbiltà.

[13] Is-sentenza fil-kawża Foglia II (punt 30).

[14] Is-sentenza fil-kawża Foglia II (punt 18).

[15] Ara l-punt 18 iktar 'il fuq.

fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju, impliċitament, ma kkunsidrathomx bħala problema u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 267 TFUE, li tinvestiga l-effett potenzjali ta' tali termini kuntrattwali[16]. It-tieni, fir-rigward tal-Artikolu 56A tal-Att Malti dwar il-Logħob, il-qorti tar-rinviju spjegat li t-talba ta' FB ġiet introdotta (fil-21 ta' Jannar 2023) qabel id-dħul fis-seħħ ta' dik id-dispożizzjoni (fit-12 ta' Ġunju 2023), li din id-dispożizzjoni ma għandhiex effett retroattiv u, għalhekk, li ma għandha l-ebda impatt fuq l-ammissibbiltà tal-imsemmija talba[17].

27. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Ġermaniż isostni li d-digriet tar-rinviju ma fih l-ebda spjegazzjoni dwar għaliex il-liġi Ġermaniża hija applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Huwa ovvju li, li kieku l-qorti tar-rinviju ma kellhiex, effettivament, għalfejn tiddetermina l-imsemmija tilwima skont id-dritt Ġermaniż, risposta għall-ewwel sitt domandi tkun kompletament "bla bżonn" f'dan ir-rigward[18].

28. Filwaqt li l-qorti tar-rinviju setgħet ipprovdiet iktar dettall fuq il-kwistjoni fid-digriet tar-rinviju, jidhirli li, fid-dawl (i) tal-fatti esposti f'dan id-digriet u (ii) tal-istrument rilevanti tal-Unjoni li jirregola l-kwistjoni, din l-oġġezzjoni ma hijiex valida.

29. Infakkar li t-talba ta' FB tikkonċerna l-allegata invalidità tal-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni (fuq il-bażi tal-allegat suġġett illegali tiegħu), li għandha tinvolvi, min-naħa tal-kumpanniji konvenuti, obbligu li jirrimborsaw l-imħatri magħmula mill-ġugatur. Essenzjalment, tirrigwarda kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u b'mod iktar speċifiku dawk kuntrattwali. Il-liġi li tirregola din it-talba għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tar-regoli unifikati stabbiliti fir-Regolament Ruma I". Skont dan l-istrument, ma hemm l-ebda dubju li d-diversi kwistjonijiet imqajma minn din it-talba għandhom jiġu deċiżi mill-qorti tar-rinviju skont id-dritt Ġermaniż.

30. L-ewwel, il-kwistjonijiet dwar jekk kuntratt partikolari huwiex invalidu meta jkollu suġġett illegali u dwar jekk din l-invalidità timplikax, għal kull parti, dritt għal restituzzjoni tal-benefiċċji li kull parti kisbet mingħand l-oħra huma rregolati mil-liġi li tirregola l-kuntratt inkwistjoni, taħt l-Artikolu 10(1) u 12(1)(e) tar-Regolament Ruma I, u l-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni huwa rregolat mil-liġi Ġermaniża, skont l-Artikolu 6(1) tal-istess regolament[19]. Il-fatt li, kif

[16] Fi kwalunkwe każ, huwa faċli li wieħed jara għaliex il-qorti tar-rinviju injorat dawn it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali. It-talba ta' FB ma hijiex ibbażata fuq id-drittijiet tal-ġugatur skont il-kuntratt, iżda fuq allegata nullità ta' dak il-kuntratt u fuq il-liġi tal-arrikkiment indebitu.

[17] Filwaqt li l-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni Maltija mad-dritt tal-Unjoni hija, tabilħaqq, ikkontestata ferm minn xi wħud mill-partijiet interessati li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, la huwa meħtieġ u lanqas ma huwa xieraq li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-kawża preżenti.

[18] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Bacardi-Martini u Cellier des Dauphins (C-318/00, EU:C:2003:41, punti 45 sa 54).

[19] B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 6(1) jiddikjara li l-kuntratti konklużi bejn konsumaturi u professjonisti huma rregolati mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur għandu r-residenza abitwali tiegħu (hawnhekk, il-Ġermanja), fejn il-professjonist jindirizza l-attivitajiet tiegħu lejn dak il-pajjiż u l-kuntratt jaqa' fl-ambitu ta' dik l-attività. Hawnhekk, (i) il-kuntratt dwar il-logħob tal-ażżard inkwistjoni ġie konkluż bejn konsumatur (il-ġugatur) u professjonist (waħda mill-kumpanniji konvenuti). Il-fatt li l-ġugatur iktar tard ċeda l-azzjoni għar-restituzzjoni tiegħu lil FB (li ma huwiex konsumatur) huwa irrilevanti f'dan ir-rigward. Tabilħaqq, tali ċessjoni tal-azzjoni ma tbiddilx in-natura tal-kuntratt sottostanti. Barra minn hekk ikun hemm problemi ta' ċertezza legali li kieku tali ċessjoni jkollha l-effett li tbiddel il-liġi applikabbli għal dak il-kuntratt. Barra minn hekk, (ii) il-kumpanniji konvenuti indirizzaw l-attività tal-logħob tal-ażżard tagħhom lejn il-Ġermanja (ara l-punt 8 iktar 'il fuq), u (iii) il-kuntratt inkwistjoni kien jaqa' b'mod ċar fl-ambitu ta' din l-attività. Fl-aħħar, l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(4) dwar "kuntratt[i] [...] fejn is-servizzi dovuti lill-konsumatur għandhom jiġu fornuti esklussivament f'pajjiż divers minn dak li fih huwa jkollu r-residenza abitwali tiegħu" ma tapplikax hawnhekk, peress li l-kumpanniji konvenuti pprovdew is-servizzi miftiehma fil-Ġermanja, permezz tas-sit tal-internet tagħhom (ara l-punt 31 iktar 'il quddiem u, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Verein für Konsumenteninformation (C-272/18, EU:C:2019:827, punti 52 u 53).

issottolinja l-Gvern Ġermaniż quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għal dan il-kuntratt kienu jagħmlu riferiment għal-liġi Maltija ma jbiddilx din il-konklużjoni [20].

31. It-tieni, fil-fehma tiegħi huwa ċar li, biex jiġi ddeterminat jekk il-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni kellux tabilħaqq suġġett illegali, għandhom jitqiesu l-projbizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-pajjiż fejn kellu jiġi eżegwit tali kuntratt. F'dan il-każ, dan il-pajjiż kien il-Ġermanja. Anki jekk il-kumpanniji konvenuti pprovdew is-servizzi tal-logħob tal-ażżard tagħhom minn Malta, dawn is-servizzi ġew irċevuti mill-ġugatur fil-Ġermanja, minn fejn ipparteċipa fil-logħob tal-ażżard inkwistjoni u għamel l-imħatri inkwistjoni [21]. Evidentement, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-tilwima.

32. Barra minn hekk, din il-konklużjoni kienet tkun l-istess, fil-fehma tiegħi, *anki kieku* l-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni kien irregolat mil-liġi Maltija [22]. Tabilħaqq, l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Ruma I jippermetti li l-qorti li quddiemha titressaq tilwima kuntrattwali tagħti effett lid-"dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" [23] tal-liġi tal-pajjiż fejn l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt jkunu jridu jitwettqu jew ikunu twettqu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti jagħmlu illegali t-twettiq tal-kuntratt, *irrispettivament mil-liġi li tirregola l-kuntratt.* Regoli bħal dik stabbilita fil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard, li jsegwu objettivi ta' ordni pubbliku meqjusa essenzjali mil-leġiżlatura nazzjonali (ara l-punt 70 iktar 'il quddiem) u li, bil-għan li jissalvagwardjaw dawn l-objettivi, jirregolaw kwalunkwe tranżazzjoni tal-logħob tal-ażżard li sseħħ (jew li tkun meqjusa li seħħet) fit-territorju nazzjonali, faċilment jikkwalifikaw bħala "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti". Barra minn hekk, filwaqt li l-qrati tal-Istati Membru aditi bil-kawża għandhom, bħala prinċipju, ċertu diskrezzjoni fir-rigward tal-"għoti ta' effett" lil tali "dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti" [24], jidhirli li, f'xenarju fejn l-illegalità ta' kuntratt partikolari tiġi invokata għar-raġuni li dan jikser tali "dispożizzjonijiet" ta' *Stat Membru ieħor* (bħal f'dan il-każ), dawk il-qrati għandhom, bħala regola, jagħmlu dan. L-għoti ta' effett lil dawn id-"dispożizzjonijiet" huwa prova tanġibbli ta' kooperazzjoni sinċiera bejn Stati Membri, li hija ġġustifikata minħabba r-"relazzjoni speċjali" li tgħaqqadhom.

20 Filwaqt li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I jippermetti lill-partijiet jagħżlu liġi differenti, tali għażla "ma tistax twassal sabiex iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija lilu minn [dispożizzjonijiet obbligatorji tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu]". Barra minn hekk, minħabba li l-ftehim dwar l-għażla tal-liġi stipulat fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali inkwistjoni ma kienx trasparenti f'dan il-qasam (xi ħaġa li l-kumpanniji konvenuti ma jikkontestawx), dan jitqies bħala "inġust" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100) u, għalhekk, invalidu (ara s-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:612, punt 71).

21 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża NM u OU (C-77/24, EU:C:2025:432, punti 65 u 66); u s-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2019, Verein für Konsumenteninformation (C-272/18, EU:C:2019:827, punt 53); u tat-28 ta' Novembru 2024, VariusSystems digital solutions (C-526/23, EU:C:2024:985, punt 22).

22 Jekk inqisu li l-liġi kuntrattwali Maltija fiha, bħal-liġi kuntrattwali Ġermaniża, regola li tiddikjara li s-suġġett ta' kuntratt għandu jkun wieħed legali, li ċertament huwa l-każ.

23 L-Artikolu 9(1) tar-Regolament Ruma I jiddefinixxi dan il-kunċett bħala "dispożizzjonijiet li r-rispett tagħhom huwa meqjus bħala kruċjali minn pajjiż għas-salvagwardja ta' l-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn ikunu applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fl-ambitu tagħhom […]".

24 Ara t-tieni sentenza tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Ruma I.

### *2. Il-kwistjoni dwar jekk il-qrati ta' Stat Membru għandhomx ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kompatibbiltà tad-dritt ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni*

33. Fil-kawża preżenti, huwa ċar (u paċifiku) li l-qorti tar-rinviju, li hija qorti Maltija, għandha l-kompetenza biex tisma' u tiddetermina t-talba ta' FB, skont l-istrument tal-Unjoni li jirregola l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali bħal dawn, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 [25] (ir-Regolament Brussell Ia), speċifikament l-Artikolu 4(1) [26]. Madankollu, kif ġie spjegat fit-taqsima preċedenti, skont ir-Regolament Ruma I, dik il-qorti għandha tagħmel dan skont id-dritt Ġermaniż. Din, fil-fatt, hija sitwazzjoni pjuttost komuni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (iktar 'il quddiem is-"SLSĠ").

34. Fir-rigward tal-merti tat-talba ta' FB, huwa daqstant ċar li, kieku l-qorti tar-rinviju kellha tapplika l-projbizzjoni tal-logħob tal-ażżard online stabbilita fil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard għall-każ, dik il-qorti jkollha tiddeċiedi li l-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni huwa illegali u, għalhekk, null u bla effett, kif jallega FB (li jista' jwassal għal dritt għal restituzzjoni tal-imħatri magħmula mill-ġugatur) [27].

35. Madankollu, infakkar li l-kumpanniji konvenuti jsostnu, bħala difiża, li dik il-projbizzjoni (sa fejn hija applikata fil-konfront ta' operaturi tal-logħob tal-ażżard bħalhom, li huma stabbiliti u liċenzjati fi Stati Membri oħra) tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju għandha (i) ma tapplikax id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard, (ii) tqis, bħala l-konsegwenza loġika, li l-kuntratt inkwistjoni huwa legali u validu u (iii) tiċħad it-talba ta' FB.

36. Għalhekk, il-kwistjoni ta' kompatibbiltà titqajjem quddiem il-qorti tar-rinviju bħala *kwistjoni preliminari* (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat). Tabilħaqq, peress li t-talba ta' FB tippreżupponi li l-projbizzjoni stabbilita fil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard hija infurzabbli, dik il-qorti għandha, b'mod loġiku, tindirizza din il-kwistjoni l-ewwel sabiex, imbagħad, issolvi kif xieraq il-kwistjonijiet ewlenin dwar jekk il-kuntratt tal-logħob tal-ażżard huwiex validu u, b'hekk, jekk FB jistax ikun intitolat għal restituzzjoni tal-imħatri magħmula. Din hija r-raġuni għall-ewwel sitt domandi.

37. Madankollu, il-Gvern Taljan huwa tal-fehma li l-qrati ta' Stat Membru, fil-fatt, *ma għandhomx ġurisdizzjoni* biex jistħarrġu l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, anki bħala kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat) f'tilwima ċivili u kummerċjali bejn individwi. Huma biss il-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija inkwistjoni li jistgħu jagħmlu dan. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju, inkwantu qorti Maltija, hija marbuta li tqis li l-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni (sakemm il-qrati Ġermaniżi ma jkunux iddeċidew mod ieħor).

38. Naturalment, jekk dan ikun il-każ, l-ewwel sitt domandi jkunu purament ipotetiċi. Għaldaqstant, din il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni trid tiġi indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża preżenti. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompletament ċara dwar dan il-punt. Fis-sentenzi fil-kawżi Foglia I u Foglia II, il-Qorti

[25] Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

[26] Infakkar, f'dan ir-rigward, li (i) l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Brussell Ia jagħti ġurisdizzjoni ġenerali lill-qrati tal-Istat Membru fejn il-konvenut huwa ddomiċiljat u li (ii) il-kumpanniji konvenuti għandhom is-sede tagħhom f'Malta u, għalhekk, jitqiesu li huma "ddomiċiljati" hemmhekk (ara l-Artikolu 63(1) ta' dan ir-regolament).

[27] Imma mhux neċessarjament. Ara, dwar dik il-kwistjoni, it-Taqsima B iktar 'il quddiem.

tal-Ġustizzja dehret xettika dwar l-idea li l-qrati ta' Stat Membru jkunu jistgħu jistħarrġu l-kompatibbiltà tal-liġi ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ser turi "attenzjoni speċjali" fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari ppreżentati għal dan il-għan, hija ma ċaħditx espliċitament li l-qrati nazzjonali għandhom ġurisdizzjoni sabiex iwettqu tali stħarriġ. Tabilħaqq, f'diversi kawżi kemm *qabel* u kemm *wara* dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja impliċitament ammettiet li l-qrati tal-Istati Membri għandhom tali ġurisdizzjoni, peress li aċċettat tali talbiet[28]. Fis-sentenza tagħha fil-kawża Eau de Cologne & Parfümerie-Fabrik 4711[29], il-Qorti tal-Ġustizzja saħansitra ddikjarat li qorti ta' Stat Membru tista' tagħmel domandi "intiżi biex jippermettulha tiddetermina [...] jekk id-dispożizzjonijiet ta' Stat Membru għajr dak tal-qorti li titlob id-deċiżjoni humiex kompatibbli mad-dritt [tal-Unjoni]". Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma indirizzat espressament il-kwistjoni sottostanti tal-ġurisdizzjoni.

39. Il-kawża preżenti toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità ideali biex tiċċara li l-qrati tal-Istati Membri mhux biss talli *għandhom ġurisdizzjoni*, iżda talli *għandhom* jistħarrġu l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tad-dritt ta' Stati Membri oħra meta tali kwistjoni tqum bħala kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat) f'tilwima ċivili jew kummerċjali pendenti quddiemhom (a). Madankollu, dawn il-qrati jridu *juru rażan* meta jeżerċitaw din il-ġurisdizzjoni (b).

### *a) Il-qrati tal-Istati Membri għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kompatibbiltà tad-dritt ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni*

40. Fil-fehma tiegħi, tali ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri hija appoġġjata mill-prinċipji ġenerali tad-dritt sostantiv tal-Unjoni (1) u mid-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni (2), u dan la huwa kkonfutat mid-dritt internazzjonali pubbliku konswetudinarju (3) la mit-tħassib dwar id-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli għat-tilwima (4) u lanqas mit-tħassib dwar il-prattiċità ta' dik il-ġurisdizzjoni (5).

#### *1) Il-prinċipji ġenerali tad-dritt sostantiv tal-Unjoni*

41. Fis-sentenza importanti tagħha fil-kawża van Gend & Loos[30], il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-prinċipju li dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma suffiċjentement ċari, preċiżi u inkundizzjonati jipproduċu *effett dirett* u, bħala tali, "joħolqu [...] drittijiet" li l-individwi jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati tal-Istati Membri, anki f'tilwima bejn individwi. Il-qrati tal-Istat Membru li quddiemhom tkun tressqet tali tilwima għandhom dmir li jiddeċiedu skont dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, jekk parti tressaq l-argument li xi regola nazzjonali, bħala prinċipju, applikabbli għat-tilwima, hija effettivament inkompatibbli ma' tali dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha effett dirett, hija ġurisprudenza stabbilita, sa mis-sentenza fil-kawża *Simmenthal*[31], li, skont il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, mhux biss talli

[28] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-4 ta' Frar 1965, Albatros (20/64, EU:C:1965:8); tat-22 ta' Settembru 1976, Import Gadgets (22/76, EU:C:1976:126); tat-30 ta' Novembru 1977, Cayrol (52/77, EU:C:1977:196); tat-12 ta' Lulju 1979, Union laitière normande (244/78, EU:C:1979:198); tal-10 ta' Novembru 1982, Rau Lebensmittelwerke (261/81, EU:C:1982:382); tat-23 ta' Novembru 1989, Eau de Cologne & Parfümerie-Fabrik 4711 (C-150/88, EU:C:1989:594); tad-9 ta' Ġunju 1992, Delhaize u Le Lion (C-47/90, EU:C:1992:250); tal-5 ta' Ġunju 1997, Celestini (C-105/94, EU:C:1997:277); tas-7 ta' Lulju 2022, LKW WALTER (C-7/21, EU:C:2022:527). Fis-sentenzi tagħha tal-10 ta' Diċembru 2002, der Weduwe (C-153/00, EU:C:2002:735) u tal-21 ta' Jannar 2003, Bacardi-Martini u Cellier des Dauphins (C-318/00, EU:C:2003:41), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat tali rinviju inammissibbli, iżda minħabba l-assenza ta' informazzjoni pprovduta u/jew in-natura evidentement ipotetika tad-domandi magħmula.

[29] Sentenza tat-23 ta' Novembru 1989 (C-150/88, EU:C:1989:594, punt 12).

[30] Sentenza tal-5 ta' Frar 1963 (26/62, EU:C:1963:1, Ġabra p. 11 sa 13).

[31] Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1976 (35/76, EU:C:1976:180).

dawn il-qrati għandha ġurisdizzjoni li jistħarrġu, iżda talli għandhom l-obbligu li jistħarrġu din il-kompatibbiltà u, fejn jiġi stabbilit li hemm kunflitt, *ma japplikawx* dik ir-regola nazzjonali fil-proċeduri quddiemhom. Iż-żewġ prinċipji jfittxu li jiżguraw is-salvagwardja tad-drittijiet tal-individwi skont id-dritt tal-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri.

42. Mill-perspettiva ta’ dawn il-prinċipji u r-*ratio legis* sottostanti tagħhom, ma nara l-ebda raġuni għaliex is-sitwazzjoni inkwistjoni f’dan il-każ, fejn il-qorti ta’ Stat Membru hija mitluba ssolvi tilwima ċivili u kummerċjali skont il-liġi ta’ Stat Membru ieħor, għandha tiġi ttrattata b’mod differenti. L-individwi għandu jkollhom ukoll l-opportunità li jinvokaw, f’tali xenarju, quddiem dawk il-qrati, id-drittijiet li jiksbu mill-effett dirett tad-dritt tal-Unjoni [32]. Minn dan isegwi li, f’każ ta’ allegat kunflitt bejn ir-regoli ta’ Stat Membru ieħor u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom effett dirett, il-qorti adita bil-kawża għandha ġurisdizzjoni biex, u tabilħaqq għandha, meta dan ikun neċessarju għall-eżitu tal-kawża, tindirizza dik il-kwistjoni u, jekk jinstab li hemm inkompatibbiltà, ma tapplikax ir-regoli inkwistjoni. Jekk ma jsirx hekk, dawn id-drittijiet *jistgħu jiġu miċħuda* fil-proċeduri inkwistjoni.

43. Pereżempju, fil-kawża preżenti, ma jistax jiġi miċħud li l-Artikolu 56 TFUE, invokat mill-kumpanniji konvenuti quddiem il-qorti tar-rinviju, jipproduċi effett dirett, anke f’tilwimiet bejn individwi [33]. Jekk il-qorti tar-rinviju tistħarreġ il-kompatibbiltà tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard mal-Artikolu 56 TFUE u ssib li hemm kunflitt bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, dik il-qorti tista’ tipproteġi d-drittijiet li l-kumpanniji konvenuti jisiltu mit-Trattat billi (i) ma tapplikax dik il-liġi, (ii) b’konsegwenza ta’ dan tiddeċiedi li l-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni huwa validu u (iii) tiċħad it-talba ta’ FB bħala infondata [34]. Għall-kuntrarju, li kieku dik il-qorti ma kellhiex tali setgħa (u obbligu) ta’ stħarriġ, il-kumpanniji konvenuti jkunu kompletament imċaħħda mid-difiża prinċipali tagħhom kontra t-talba ta’ FB. Fil-fatt, peress li dik il-qorti lanqas ma tista’, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, tagħmel mistoqsija interlokutorja dwar il-validità tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard lill-qrati Ġermaniżi, hija tkun obbligata li tikkunsidra li dik il-liġi hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u tiddeċiedi abbażi tagħha. Tali talba, għalhekk, tista’ tirnexxi *minkejja* drittijiet potenzjali mogħtija mid-dritt tal-Unjoni [35].

44. Soluzzjoni opposta tippreġudika wkoll l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni. Jekk il-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali ta’ Stat Membru mad-dritt tal-Unjoni tista’ tiġi mistħarrġa biss mill-qrati ta’ dan l-Istat, dan ikun ifisser, fil-prattika, li l-applikazzjoni ta’ din il-liġi tvarja kompletament skont jekk l-istess tilwima ċivili u kummerċjali titressaqx quddiem il-qrati tal-Istat Membru inkwistjoni jew fi Stat Membru ieħor.

32 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Warner fil-kawża Foglia I (104/79, EU:C:1980:22, Ġabra. p. 764); Hatzopoloulos, V., “De l’arrêt « Foglia-Novello » à l’arrêt « TWD Textilwerke » - La jurisprudence de la Cour relative à la recevabilité des renvois préjudiciels”, *Revue trimestrielle de droit économique européen*, Vol. 3, 1994, p. 206 sa 207; u Bebr, G., “The possible implications of Foglia v. Novello II”, Common Market Law Review, Vol. 19, Nru 3, 1982, p. 437 sa 439.

33 Ara s-sentenza tat-18 ta’ Diċembru 2007, Laval un Partneri (C-341/05, EU:C:2007:809, punti 97 u 98). Ara wkoll, b’analoġija, is-sentenza tad-9 ta’ Ġunju 1992, Delhaize and Le Lion (C-47/90, EU:C:1992:250, punti 28 u 29).

34 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li donnha ssuġġeriet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-kawża Foglia II (punt 28), il-qrati ta’ Stat Membru li jkunu aditi b’tali tilwima fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali huma f’pożizzjoni li jipprovdu lill-partijiet bi protezzjoni effettiva fir-rigward tal-liġi ta’ Stat Membru ieħor, fejn ikun hemm kunflitt mad-dritt tal-Unjoni (anki jekk; u probabbilment huwa dan li l-Qorti kellha f’moħħha; dawk il-qrati ma jistgħux jannullaw l-liġi nazzjonali inkwistjoni (ara l-punt 54 iktar ’il quddiem).

35 Huwa evidenti li, f’ċerti sitwazzjonijiet, il-qrati tal-Istati Membri jistgħu jissospendu l-proċeduri, jistennew li l-partijiet jibdew azzjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija inkwistjoni u li tali qrati joħorġu dikjarazzjoni ta’ kompatibbiltà jew inkompatibbiltà, u mbagħad jiddeċiedu kif xieraq. Madankollu, mhux dejjem ikun possibbli għall-partijiet li jagħmlu dan, u mhux dejjem ikun possibbli li l-proċeduri jiġu sospiżi b’dan il-mod mingħajr ma tiġi posposta l-ġustizzja għall-partijiet sal-punt li tiġi miċħuda.

*2) Il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni*

45. Fir-rigward tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni, nixtieq infakkar li, skont il-prinċipji li jirregolaw il-*kunflitti ta' ġurisdizzjoni* fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali skont ir-Regolament Brussell Ia, fejn il-qrati ta' Stat Membru għandhom kompetenza, skont dan ir-regolament, biex jisimgħu u jiddeċiedu tilwima (bħalma għandha l-qorti tar-rinviju f'dan il-każ), dawk il-qrati għandhom ukoll il-kompetenza biex jiddeċiedu dwar *kwalunkwe* kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat)[36],li tista' titqajjem fil-kuntest ta' tali tilwima[37]. Barra minn hekk, dawn huma obbligati li jeżerċitaw din il-ġurisdizzjoni. Ma jistgħux jirrifjutaw li jiddeċiedu dwar it-tilwima, jew dwar xi aspetti rilevanti tagħha[38]. Iż-żewġ prinċipji jfittxu li jiżguraw l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ċ-ċertezza legali għall-partijiet.

46. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, ma nara l-ebda raġuni għaliex kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat) dwar il-kompatibbiltà tad-dritt ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi trattata b'mod differenti. Il-qrati tal-Istati Membri li għandhom kompetenza, skont ir-Regolament Brussell Ia, biex jisimgħu u jiddeċiedu tilwima li fiha tqum tali kwistjoni, għandhom, skont dan l-istrument, ukoll ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar tali kwistjoni preliminari, u għandhom jagħmlu dan meta dan ikun neċessarju għall-eżitu tal-kawża.

47. Mill-perspettiva tal-*kunflitt tal-liġijiet*, ir-riżultat huwa l-istess. Tabilħaqq, meta qorti ta' Stat Membru tintalab, skont ir-regoli tar-Regolament Ruma I, biex "tapplika" l-liġi ta' Stat Membru ieħor għal tilwima, diversi mekkaniżmi stabbiliti f'dak ir-regolament jippermettu wkoll, u saħansitra jobbligaw, lil dik il-qorti li tistħarreġ, meta jkun rilevanti, il-kompatibbiltà ta' dik il-liġi nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni u, f'każ ta' kunflitt, ma tapplikax il-liġi nazzjonali.

48. L-ewwel, tali setgħa (u obbligu) tal-qorti adita bil-kawża tista' titqies bħala inerenti għall-kompitu li "tapplika" l-imsemmija liġi għat-tilwima. Fil-fatt, fejn ir-regoli ta' dan ir-regolament jindikaw liġi barranija partikolari bħala "applikabbli", huma jagħmlu riferiment *għall-*ordinament ġuridiku barrani *kollu kemm hu*. Il-qorti adita bil-kawża trid tasal, fid-dawl tad-diversi regoli li jifformaw tali ordinament ġuridiku u *l-ġerarkija tagħhom*, għal deċiżjoni fit-tilwima li tirrifletti, kemm jista' jkun, deċiżjoni li kien jasal għaliha mħallef tal-Istat ikkonċernat[39]. Dan huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' armonija internazzjonali tad-deċiżjonijiet segwiti mir-Regolament Ruma I[40].

[36] Ħlief fejn ikun applikabbli l-Artikolu 24(4) tar-Regolament Brussell Ia.

[37] Dan huwa minnu anki meta tali kwistjoni, fiha nnifisha, ma tikkonċernax "kwistjonijiet ċivili u kummerċjali" (pereżempju, kwistjoni ta' dritt pubbliku bħall-projbizzjoni tal-logħob tal-ażżard mhux liċenzjat). Ara l-ewwel konklużjonijiet tiegħi fil-kawża BSH Hausgeräte (C-339/22, EU:C:2024:159, punti 42 u 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[38] Ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2005, Owusu (C-281/02, EU:C:2005:120, punt 37).

[39] Ara Cerqueira, G., "La hiérarche étrangère des normes devant le juge français", f'Société de législation comparée (ed.), *L'application du droit étranger*, Kollezzjoni "Colloques", Nru 36, 2018, p. 95 sa 129, speċjalment il-p. 101 sa 105, 110, u 112 sa 113; u Bergé, J.-S., "Lieux et formes d'application du droit étranger soumis à un contrôle de constitutionnalité et de conventionnalité", f'Société de législation comparée (ed.), Contrôle de constitutionnalité et de *conventionnalité du droit étranger*, Kollezzjoni "Colloques", Nru 34, 2017, p. 17 sa 35, speċjalment f'p. 20 u 32.

[40] Ara, f'dan is-sens, il-premessa 6 tar-Regolament Ruma I.

49. Evidentement, meta r-Regolament Ruma I jindika li liġi ta' Stat Membru hija applikabbli għal tilwima, id-dritt tal-Unjoni huwa parti integrali mill-ordinament ġuridiku inkwistjoni u jinsab fil-quċċata tal-ġerarkija ta' dan tal-aħħar. Qorti ta' dak l-Istat, jekk jintalab jiddeċiedi dwar l-istess tilwima, ikun marbut (kif spjegat fil-punt 41 iktar 'il fuq) li jistħarreġ u ma japplikax leġiżlazzjoni nazzjonali kunfliġġenti. Għalhekk, il-qorti adita bil-kawża għandha tagħmel l-istess [41].

50. It-tieni, il-qorti adita bil-kawża tista' tistħarreġ il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tar-regoli ta' Stat Membru ieħor u, jekk ikun hemm kunflitt ma tapplikax dawn ir-regoli skont il-klawżola tal-ordni pubbliku stabbilita fl-Artikolu 21 tar-Regolament Ruma I.

51. Tabilħaqq, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-qorti adita bil-kawża li ma tapplikax il-liġi inkwistjoni meta l-applikazzjoni ta' tali liġi tkun "manifestament inkompatibbli ma' l-ordni pubbliku (*ordre public*) tal-forum". Jidher ċar li, l-istess bħalma d-dritt tal-Unjoni huwa parti mill-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija indikata bħala applikabbli għall-kawża (f'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja), huwa wkoll parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-forum adit bil-kawża (f'dan il-każ, l-ordinament ġuridiku Malti). Għalhekk, "inkompatibbiltà manifesta" mad-dritt tal-Unjoni (jew, minn tal-inqas, ma' ċerti dispożizzjonijiet meqjusa bħala essenzjali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni) tiġġustifika li r-regoli nazzjonali kunfliġġenti ma jiġux applikati abbażi ta' din il-klawżola [42].

52. Fl-aħħar, meta regoli ta' Stat Membru jiġu invokati, quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor, bħala "dispożizzjoni obbligatorja prevalenti" skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Ruma I, dik il-qorti għandha diskrezzjoni sħiħa, skont dik id-dispożizzjoni, li tistħarreġ l-kompatibbiltà ta' dawn ir-regoli mad-dritt tal-Unjoni u, f'każ ta' inkompatibbiltà, tirrifjuta li "tagħtihom effett".

*3) Id-dritt internazzjonali pubbliku konswetudinarju*

53. Kuntrarjament għal dak li xi kultant jintqal fil-letteratura akkademika, jiena tal-fehma li l-ġurisdizzjoni (u l-obbligu) tal-qrati ta' Istati Membri li jistħarrġu l-kompatibbiltà tad-dritt ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni meta din il-kwistjoni tqum bħala kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat) f'tilwima ċivili u kummerċjali ma tiksirx id-dritt internazzjonali pubbliku konswetudinarji. B'mod partikolari, ma hemm ebda interferenza illeġittima fil-kompetenza tal-qrati tat-tieni Stat Membru [43] .

54. Huwa paċifiku li l-qrati ta' Stat Membru ma jistgħux, skont il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil, jagħtu deċiżjoni li l-għan tagħha huwa li *tannulla* l-liġi ta' Stat Membru ieħor abbażi tal-inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, jew jagħmlu dikjarazzjoni *erga omnes* f'dan ir-rigward. Ir-raġuni għal dan hija ovvja: il-qrati ta' Stat evidentement ma jistgħux jinvalidaw atti li joriġinaw minn organu ta' Stat ieħor (f'dan il-każ, il-leġiżlatura). Il-qrati tal-Istat li għalih jappartjeni l-organu għandhom ġurisdizzjoni sostantiva esklużiva f'dan ir-rigward skont id-dritt

41 Ara, f'dan is-sens, Neumayer, K. H., "Fremdes Recht und Normenkontrolle", RabelsZ, 1958, Vol. 23, p. 585 *et seq.* H Kahn-Freund, O., "*General Problems of Private International Law*", Sijthoff & Noordhoff, it-tieni edizzjoni., 1980, p. 306; u Michaels, R., u Jansen, N., "Die Auslegung und Fortbildung ausländischen Rechts", Zeitschrift für Zivilprozess, 2003, Vol. 116, Nru 1, p. 3 sa 55, speċjalment il-p. 33.

42 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269, punti 35 sa 39) u, tat-28 ta' Marzu 2000, Krombach (C-7/98, EU:C:2000:164, punt 37).

43 Skont il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil, Stat ma jistax jindaħal f'każijiet li essenzjalment jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat ieħor.

internazzjonali pubbliku[44]. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-qrati Maltin ma setgħux, validament, jagħtu deċiżjoni li tiddikjara, b'effett *erga omnes*, li l-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Huma biss il-qrati Ġermaniżi li setgħu jagħmlu dan.

55. Madankollu, meta l-qrati ta' Stat Membru jistħarrġu l-kompatibbiltà tal-liġi ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni bħala kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat) fit-tilwima ċivili u kummerċjali, huma sempliċement iwettqu tali stħarriġ u, f'każ ta' inkompatibbiltà, *ma japplikawx* ir-regoli kunfliġġenti *fit-tilwima inkwistjoni*, bl-uniku għan li jagħtu deċiżjoni *dwar il-merti tat-talba* inkwistjoni. Tali deċiżjoni tistabbilixxi d-drittijiet privati tal-partijiet u, bħala tali, għandha effetti *inter partes* biss. Ma għandhiex l-intenzjoni li taffettwa l-validità tal-liġi tal-Istat Membru l-ieħor. Il-kompetenza esklużiva tal-qrati ta' dak l-Istat tiġi rrispettata[45].

56. Għall-finijiet ta' kompletezza, infakkar li l-Istati Membri taw il-kunsens tagħhom, meta ssieħbu fl-Unjoni u għażlu li jipparteċipaw fis-SLSĠ, li jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni. Huma taw ukoll il-kunsens tagħhom sabiex tilwimiet ċivili u kummerċjali rregolat mir-regoli "tagħhom" (skont ir-Regolament Ruma I) jiġu deċiżi mill-qrati ta' Stati Membri oħra (skont ir-Regolament Brussell Ia). Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija fiż-żewġ taqsimiet preċedenti, dan ifisser li l-Istati Membri taw ukoll il-kunsens tagħhom, impliċitament, sabiex il-kompatibbiltà tar-regoli "tagħhom" tiġi mistħarrġa minn dawn il-qrati l-oħra bħala kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat) f'tali tilwima.

*4) Id-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat*

57. Fis-sentenza tagħha fil-kawża Foglia II, il-Qorti tal-Ġustizzja dehret imħassba li, jekk il-qrati ta' Stat Membru jkollhom jistħarrġu l-kompatibbiltà tad-dritt ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi privati, id-drittijiet tad-difiża tat-tieni Stat Membru ma jkunux jistgħu jiġu ggarantiti b'mod adegwat, għaliex dan ma jkunx irrappreżentat quddiem il-qrati tal-ewwel Stat Membru[46]. Ħafna mill-gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża preżenti insistew fuq dan l-aspett. B'mod partikolari, huma osservaw li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn individwu jallega li leġiżlazzjoni nazzjonali tirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE, huma l-Istat Membru kkonċernat li għandu jistabbilixxi li dik il-liġi nazzjonali hija oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata[47]. Madankollu, f'xenarju bħal dak inkwistjoni fil-kawża preżenti, huwa jkun imċaħħad mill-possibbiltà li jagħmel dan.

58. Mill-bidu, nixtieq nenfasizza li dik il-ġurisprudenza kienet tikkonċerna l-oneru tal-prova fi proċeduri *kontra Stat Membru* għal ksur tad-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu (kemm f'każ ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, u kemm f'każ ta' azzjonijiet quddiem qrati nazzjonali). Għall-kuntrarju, meta tali kwistjoni titqajjem inċidentalment fi proċeduri *bejn individwi*, l-oneru tal-prova huwa kwistjoni proċedurali li titħalla f'idejn il-*lex fori*[48].

44 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2025, BSH Hausgeräte (C-339/22, EU:C:2025:108, punt 73), u t-tieni konklużjonijiet tiegħi fil-kawża BSH Hausgeräte (C-339/22, EU:C:2024:687, punti 15 sa 16).

45 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2025, BSH Hausgeräte (C-339/22, EU:C:2025:108, punti 74 u 75), u t-tieni konklużjonijiet tiegħi fil-kawża BSH Hausgeräte (C-339/22, EU:C:2024:687, punti 17 u 18).

46 Sentenza fil-kawża Foglia II (punt 29).

47 Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2025, INTERZERO Trajnostne rešitve za svet brez odpadkov *et* (C-254/23, EU:C:2025:569, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Jew il-*lex causae*, fi kwistjonijiet ta' obbligi kuntrattwali, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Ruma I.

59. Dan iċċarat, ma naħsibx li hemm problema ġenwina bid-drittijiet tad-difiża tal-Istat Membru kkonċernat[49].

60. L-ewwel, huwa pjuttost komuni li Stat ma jkunx irrappreżentat fi proċeduri bejn individwi fejn inċidentalment titqajjem kwistjoni ta' validità tal-liġi nazzjonali. Jidher li, hawnhekk, il-Gvern Ġermaniż lanqas ma kien ikun irrappreżentat kieku l-proċeduri kienu pendenti quddiem waħda mill-qrati nazzjonali tiegħu. Infakkar li dan huwa ġġustifikat mill-fatt li d-deċiżjoni li għandha tingħata għandha effetti *inter partes* biss u, għalhekk, mhux ser torbot lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru.

61. It-tieni, minbarra l-fatt li l-possibbiltà ta' intervent min-naħa tal-Istat Membru kkonċernat quddiem il-qrati aditi bil-kawża tista' teżisti skont il-liġi proċedurali applikata minn dawn il-qrati[50], il-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, skont l-Artikolu 267 TFUE, toffri salvagwardja adegwata u suffiċjenti għall-protezzjoni tal-interessi ta' dan l-Istat Membru.

62. F'dan ir-rigward, jiena tal-fehma li, fejn il-qrati ta' Stat Membru jkunu aditi b'tilwima ċivili jew kummerċjali, li għandha tiġi solvuta fid-dawl tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, u fejn parti tikkontesta l-kompatibbiltà tal-liġi nazzjonali applikabbli mad-dritt tal-Unjoni, huwa xieraq, għal dawk il-qrati, li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE. Meta jsir rinviju bħal dan, l-Istat Membru inkwistjoni għandu d-dritt li jippreżenta sottomissjonijiet orali u bil-miktub, anki jekk ma huwiex parti fil-kawża prinċipali. Il-fatt li dak l-Istat Membru ma jgawdix, skont din il-proċedura, mill-possibbiltajiet usa' ta' difiża disponibbli għalih fil-proċeduri kontradittorji skont l-Artikolu 258 TFUE huwa, fil-fehma tiegħi, irrilevanti. Fil-fatt, kif repetutament irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja, iż-żewġ proċeduri huma intrinsikament differenti[51].

*5) Il-prattiċità ta' ġurisdizzjoni bħal din*

63. Il-partijiet interessati li kienu rrappreżentati fis-seduta ddiskutew ukoll, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk, minn perspettiva prattika, il-qrati ta' Stat Membru humiex mgħammra sabiex jistħarrġu l-kompatibbiltà tar-regoli ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni. Minbarra d-differenzi lingwistiċi, jista' jkun diffiċli, għal dawk il-qrati, li jistabbilixxu, b'ċertezza, il-kontenut ta' dawn ir-regoli. L-inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tista' tiġi preżunta abbażi ta' għarfien żbaljat ta' dawk ir-regoli.

64. Huwa faċli li wieħed jifhem minn fejn ġejjin dawn id-dubji. Il-liġi barranija hija tradizzjonalment ikkunsidrata, fir-regoli proċedurali tal-qrati tal-Istati Membri, bħala differenti mil-liġi "tagħhom". F'dan ir-rigward, il-massima "iura novit curia" ma tapplikax. Dawk il-qrati ma humiex preżunti li jafu l-liġijiet ta' Stati oħra. Għalhekk, tradizzjonalment, huma jeħtieġu li *l-partijiet* li jinvokaw il-liġi barranija *jippruvaw* il-kontenut ta' dik il-liġi, bħala kwistjoni ta' fatt. Madankollu, dawn il-partijiet ta' spiss jonqsu milli jagħmlu dan b'mod oġġettiv, jew saħansitra

[49] Nosserva li wara s-sentenza fil-kawża Foglia II, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma dehret li kienet partikolarment imħassba b'dan il-punt (ara, f'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 iktar 'il fuq).

[50] Ara s-sentenza fil-kawża Foglia II (punt 24).

[51] Ara s-sentenza tat-3 ta' April 1968, Molkerei-Zentrale Westfalen vs Lippe (28/67, EU:C:1968:17). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Slynn fil-kawża Foglia (244/80, mhux ippubblikata, EU:C:1981:175, Ġabra, p. 3074); Barav, A., "Preliminary censorship? The Judgment of the European Court in Foglia v. Novello", *European Law Review*, Vol. 5, 1980 p. 443 sa 468, speċjalment il-p. 465 sa 467; Hatzopoulos, V., nota ta' qiegħ il-paġna 32, *op. cit.*, p. 208; u Bebr, G., nota ta' qiegħ il-paġna 32, *op. cit.*, p. 433 sa 434.

konklużiv. Minflok, hemm it-tendenza li huma jippreżentaw il-liġi barranija b'mod parzjali u ppreġudikat, bl-użu ta' affidavits prodotti minn esperti impjegati u mħallsa minnha[52]. Dawn id-diffikultajiet huma preżenti, sa ċertu punt, fil-kawża prinċipali[53].

65. Madankollu, dan it-tħassib jista' jittaffa.

66. Fil-fehma tiegħi, il-kwistjoni ta' kif għandu jiġi stabbilit il-kontenut tal-liġi applikabbli hija, intrinsikament, kwistjoni rregolata mir-regoli proċedurali ta' kull Stat Membru. Madankollu, tali regoli proċedurali ma jistgħux iċaħħdu r-regoli ta' kunflitt stabbiliti fir-Regolament Ruma I mill-*effet utile* tagħhom. Sabiex il-liġi barranija tiġi "applikata" b'mod leali, kif meħtieġ skont ir-regoli ta' Ruma I, u sabiex jintlaħqu l-għanijiet taċ-ċertezza legali u tal-armonija internazzjonali ta' deċiżjonijiet imfittxija minn dan ir-regolament, il-liġi barranija għandha tiġi stabbilita kif suppost. Dan jimplika, fil-fehma tiegħi, xi grad ta' dmir ta' diliġenza min-naħa tal-qorti adita bil-kawża, speċjalment fejn il-kompatibbiltà ta' dik il-liġi barranija mad-dritt tal-Unjoni tkun qiegħda tiġi kkontestata.

67. F'dan ir-rigward, nosserva li l-aċċess, mill-qrati ta' Stat Membru, għal-liġijiet ta' Stati Membri oħra qed isir dejjem iktar faċli fi ħdan s-SLSĠ. Dejjem iktar regolamenti u deċiżjonijiet huma faċilment aċċessibbli online (bis-saħħa, b'mod partikolari, tal-portal e-justice u s-sistema European case-law identifier (ECLI)). Barra minn hekk, diversi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jippermettu lil dawk il-qrati jiksbu, mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli għat-tilwima, kjarifika dwar il-kontenut ta' dik il-liġi, b'mod partikolari (i) il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Informazzjoni dwar il-Liġi Barranija, konkluża f'Londra fis-7 ta' Ġunju 1968 u (ii) in-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali[54]. Fil-fatt, jien tal-fehma li, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, dawk il-qrati *għandhom* jużaw dawn il-mekkaniżmi f'każ ta' dubju dwar il-kontenut ta' dik il-liġi (u l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jgħinuhom kif suppost f'dan ir-rigward).

***b) Il-qrati tal-Istati Membri għandhom juru rażan meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni inkwistjoni***

68. Filwaqt li l-qrati tal-Istati Membri għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tad-dritt ta' Stati Membri oħra bħala kwistjoni preliminari (fis-sens tad-dritt internazzjonali privat), kunsiderazzjonijiet ta' leġittimità (1) u ta' fiduċja reċiproka (2) jeżiġu li dawk il-qrati juru ċertu rażan f'dan ir-rigward.

[52] Ara Mélin, F., "La cooperation internationale dans la recherche du droit étranger: les méthodes classiques", f'Société de législation comparée (ed.), *L'application du droit étranger*, nota ta' qiegħ il-paġna 39, *op. cit.*, p. 39 sa 49, speċjalment il-p. 42.

[53] Hemm inċertezza fir-rigward tar-regoli li jirregolaw il-"lotteriji sekondarji" skont il-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard. Il-kumpanniji konvenuti jsostnu li dawn il-"lotteriji sekondarji" huma rregolati bħala lotteriji, skont l-Artikolu 4(5) ta' dik il-liġi. Għalhekk, huma jikkontestaw il-proporzjonalità tar-rekwiżit ta' liċenzjar stabbilit f'dik id-dispożizzjoni, b'mod partikolari l-fatt li huma biss l-operaturi kkontrollati mill-Istat li jistgħu jiksbu tali liċenzja skont l-Artikolu 10 ta' dik il-liġi (ara d-domandi erba' sa sitta tal-qorti tar-rinviju). Madankollu, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-"lotteriji sekondarji" huma, fil-fatt, forma ta' mħatri online li hija pprojbita skont l-Artikolu 4(4) ta' dik il-liġi. Għalhekk, is-sistema applikabbli għal-lotteriji fil-Ġermanja tkun irrilevanti għall-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

[54] Ara l-Artikolu 3(2)(b) u l-Artikolu 5(2)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 145), kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 (ĠU 2009, L 168, p. 35).

*1) It-tħassib relatat man-nuqqas ta' leġittimità*

69. Kif tosserva l-Kummissjoni, l-istħarriġ tal-kompatibbiltà tal-liġi ta' Stat Membru ieħor mad-dritt tal-Unjoni mhux dejjem hija l-istess eżerċizzju. Xi drabi, id-dritt tal-Unjoni jkun armonizza jew unifika qasam partikolari, mingħajr ma ħalla diskrezzjoni lill-Istati Membri. L-inkompatibbiltà, f'dan il-każ, tista' tiġi stabbilita mis-sempliċi fatt li r-regola nazzjonali inkwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni u li tali strument ma jinkludix jew ma jippermettix tali regola [55]. Xi drabi, id-dritt tal-Unjoni jħalli lill-awtoritajiet nazzjonali xi marġni ta' diskrezzjoni sabiex jadottaw leġiżlazzjoni, iżda l-limiti ta' dan il-marġni jiddependu għalkollox fuq standards komuni stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni (bħal jekk ċertu limitu ta' żmien proċedurali jħallix marġni suffiċjenti biex parti tiddefendi lilha nnifisha b'mod effettiv, skont l-Artikolu 47 tal-Karta) [56].

70. Għall-kuntrarju, f'oqsma oħra, id-dritt tal-Unjoni jagħti marġni ta' diskrezzjoni sinjifikattiv lill-awtoritajiet nazzjonali. Dan huwa l-każ, tipikament, fejn id-dritt tal-Unjoni jipprevedi sempliċement *armonizzazzjoni negattiva*. Pereżempju, fil-kawża preżenti, huwa paċifiku li l-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard tirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE. Madankollu, tali leġiżlazzjoni nazzjonali hija permissibbli jekk tkun (i) iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess pubbliku (li huwa wkoll evidentement il-każ hawnhekk, peress li din il-liġi tfittex li tipprevjeni, fost l-oħrajn, il-frodi u d-dipendenza fuq il-logħob tal-ażżard) u (ii) tkun proporzjonata għall-għan segwit (li huwa l-veru qalba tal-kwistjoni ta' kompatibbiltà).

71. Barra minn hekk, kif osservaw il-Gvern Ċek, Belġjan u Taljan, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem irrikonoxxiet li "l-leġiżlazzjoni dwar il-logħob tal-ażżard tagħmel parti mill-oqsma li fihom jeżistu diverġenzi kunsiderevoli ta' natura morali, reliġjuża u kulturali bejn l-Istati Membri". Għalhekk, bħala regola, kull Stat Membru għandu *diskrezzjoni wiesgħa* biex jirregola l-qasam skont il-karatteristiċi tiegħu stess, fost l-oħrajn dawk storiċi, kulturali, ekonomiċi u soċjopolitiċi. Il-proporzjonalità tal-miżuri adottati għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi [57].

72. F'dan ir-rigward, hemm mertu fl-argument, imressaq mill-Gvern Taljan, li l-qrati tal-Istat Membru kkonċernat huma l-iktar adattati biex iwettqu tali stħarriġ. Bħala parti integrali mill-ordinament ġuridiku nazzjonali, u bl-iktar għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni f'dak l-Istat Membru, huma jistgħu jifhmu aħjar l-evalwazzjoni tal-interessi inkwistjoni magħmula mil-leġiżlatura [58]. Għall-kuntrarju, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ma humiex fl-aħjar pożizzjoni biex jagħmlu dan. Fil-fatt, jista' faċilment jingħad li ma għandhomx leġittimità biex jistħarrġu tali għażliet sovrani ta' Stat ieħor [59].

73. Fil-kawża preżenti, l-oġġezzjoni ta' leġittimità ssir saħansitra iktar valida meta wieħed jikkunsidra d-diverġenza evidenti tal-approċċ (u l-interessi) taż-żewġ Stati Membri kkonċernati: minn naħa waħda, ir-Repubblika ta' Malta, bħala l-Istat fejn huma stabbiliti l-fornituri tas-servizzi tal-logħob tal-ażżard online, u li adottat leġiżlazzjoni favorevoli għal din l-industrija;

55 Ara, għal xenarju bħal dan, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 1989, Eau de Cologne & Parfümerie-Fabrik 4711 (C-150/88, EU:C:1989:594).

56 Ara, għal xenarju bħal dan, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2022, LKW WALTER (C-7/21, EU:C:2022:527).

57 Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International (C-42/07, EU:C:2009:519, punt 57), u tat-2 ta' Marzu 2023, Recreatieprojecten Zeeland et (C-695/21, EU:C:2023:144, punt 15).

58 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Bogendorff von Wolffersdorff (C-438/14, EU:C:2016:401, punt 78).

59 Ara Battifoll, Ħ. Lagarde, P., *Droit international privé français*, Vol. I, Librairie générale de Droit et de Jurisprudence, is-sitt edizzjoni, 1974, Nru 331, 1974. Din il-perċezzjoni ta' assenza ta' leġittimità tispjega għaliex, pereżempju fir-Renju Unit, il-qrati jirrifjutaw li jistħarrġu l-għażliet sovrani espressi fil-liġijiet ta' Stat ieħor (taħt id-"duttrina tal-Att tal-Istat") (ara, f'dan ir-rigward, Dickinson, A., "Act of State and the frontier of private (international) law", *Journal of Private International Law*, Vol. 14, 2018, p. 1 sa 37).

min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bħala r-riċevitur riluttanti ta' dawn is-servizzi online. Barra minn hekk, il-kuntest partikolari li fih tippreżenta ruħha l-kawża preżenti, imfakkar fil-punti 16 sa 18 iktar 'il fuq, ma jistax jiġi injorat. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, ħafna jistgħu jqisu li l-idea li qorti Maltija tistħarreġ il-proporzjonalità tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard ma hijiex xierqa.

74. Madankollu, jiena tal-fehma li dan it-tħassib jista' jittaffa jekk il-qrati ta' Stat Membru fil-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju juru ċertu rażan meta jwettqu tali stħarriġ. Huma għandhom jagħtu l-piż dovut lill-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi l-leġiżlatura barranija u, fid-dawl tal-għarfien limitat tagħhom tal-kuntest u l-leġittimità limitata tagħhom, ma japplikawx il-liġi ta' Stat Membru ieħor biss f'każ ta' *inkompatibbiltà manifesta* mad-dritt tal-Unjoni (pereżempju, fejn il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija stabbilita, komprensiva u ċara dwar dak li Stat Membru jista' u ma jistax jagħmel fir-rigward ta' ċerti żoni). Naturalment, iktar ma n-natura sproporzjonata tar-regoli inkwistjoni tkun ovvja, inqas ma l-qorti barranija tista' tiġi kkritikata b'attiviżmu illeġittimu[60]. Għal dan il-għan, u kif spjegat iktar 'il fuq, huwa xieraq li dawn il-qrati jressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, sabiex ma jaslux għal konklużjoni daqshekk drastika waħedhom, u sabiex l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jinstema' kif xieraq.

*2) Fiduċja reċiproka*

75. Fil-fehma tiegħi, kunsiderazzjonijiet tal-fiduċja reċiproka jappoġġjaw dan l-approċċ. F'dan ir-rigward, infakkar li l-prinċipju tal-fiduċja reċiproka, li huwa ta' importanza fundamentali fid-dritt tal-Unjoni, jirrikjedi, b'mod partikolari fir-rigward tas-SLSĠ, li kull wieħed mill-Istati Membri, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jikkunsidra li l-Istati Membri l-oħra kollha huma konformi mad-dritt tal-Unjoni[61].

76. Għaldaqstant, meta jintalbu japplikaw il-liġi ta' Stat Membru ieħor f'tilwima ċivili u kummerċjali, skont ir-Regolament Ruma I, il-qrati ta' Stat Membru huma meħtieġa *jippreżumu* li tali liġi hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Filwaqt li din il-preżunzjoni ma hijiex inkonfutabbli[62], din għandha tkun waħda b'saħħitha, għaliex inkella l-fiduċja reċiproka tiġi mminata. Għalhekk, il-liġi ta' Stat Membru ieħor għandha tiġi mistħarrġa biss f'każ ta' evidenza ċara ta' inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni[63], u ma għandiex tiġi applikata fejn, wara stħarriġ, ikun hemm kunflitt manifestament ma' dan tal-aħħar.

77. Nixtieq nagħmel kumment tal-aħħar dwar din il-kwistjoni. Kif osserva l-Gvern Belġjan, fejn il-qrati tal-Istat Membru li adotta r-regoli nazzjonali kontenzjużi jkunu diġà taw deċiżjonijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni[64], il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka jirrikjedi li l-qrati ta' Stat Membru ieħor, li jkunu ġew aditi b'dik il-kwistjoni inċidentalment, jagħtu l-kunsiderazzjoni dovuta lir-raġunijiet li sawru tali deċiżjoni, fil-kuntest tal-eżami tagħhom stess

[60] Ara, b'analoġija, de Vareilles-Sommières, P., "Le conflit hiérarchique étranger de normes devant le juge judiciaire français – Application à la constitutionalité et à la conventionnalité de la loi étrangère", f'Société de législation comparée (ed.), nota ta' qiegħ il-paġna 39, *op. cit.*, p. 49 sa 62, speċjalment il-p. 59 u 60.

[61] Ara l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 2/13, Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (EU:C:2014:2454, punti 191 u 192).

[62] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et* (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punti 99, 100 u 105).

[63] Ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Breian (C-318/24 PPU, EU:C:2024:658, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[64] Nixtieq nosserva li dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux jibbenefikaw mill-mekkaniżmu għar-rikonoxximent u eżekuzzjoni stabbilit fir-Regolament Brussels Ia. Tabilħaqq, sentenzi barranin li għandhom bħala l-*oġġett* tagħhom il-validità ta' liġi pubblika ma humiex relatati ma' kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

tal-kwistjoni[65]. Fil-każ preżenti, il-fatt li l-qrati Ġermaniżi (apparentement) diġà ddeċidew li l-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard hija kompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE ma jistax, għalhekk, jiġi injorat mill-qorti tar-rinviju. Din tista' biss tiddeċiedi mod ieħor wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-motivazzjoni tal-Qrati Ġermaniżi.

### 3. *In-natura allegatament "artifiċjali" tat-tilwima*

78. L-aħħar oġġezzjoni li għandha tiġi eżaminata tirrigwarda n-natura allegatament "artifiċjali" tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Fil-fehma tal-Gvern Taljan, din it-tilwima tista' tkun "kostruzzjoni proċedurali miftehma mill-partijiet" biex tiġi kkontestata l-kompatibbiltà tal-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard mad-dritt tal-Unjoni.

79. F'dan ir-rigward, huwa xieraq li ssir twissija lill-Qorti tal-Ġustizzja.

80. Nista' nifhem in-nuqqas ta' rieda tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi Foglia I u Foglia II, li tgħin qorti Taljana tistħarreġ il-kompatibbiltà ta' liġi Franċiża dwar it-taxxa mad-dritt tal-Unjoni. Minbarra l-oġġezzjonijiet diskussi fit-taqsimiet preċedenti, f'dan il-kuntest għandu jiġi enfasizzat aspett importanti. Indikajt ripetutament li, f'tilwima bejn individwi, id-deċiżjonijiet tal-qrati tal-Istati Membri jipproduċu biss effetti *inter partes*, u dan jikkontribwixxi biex tali stħarriġ tal-liġi ta' Stat Membru ieħor jitqies permissibbli. Għall-kuntrarju, id-deċiżjonijiet preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għandhom effetti *erga omnes*, għaliex dawn jinterpretaw b'mod awtorevoli d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni bil-mod kif kellhom sa mill-bidu jiġu interpretati. Filwaqt li tali deċiżjoni preliminari ma tistax tiddikjara liġi nazzjonali partikolari bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jkunu tant speċifiċi li, effettivament ir-riżultat jista' jkun l-istess. Tali deċiżjoni preliminari jista' eventwalment ikollha impatt kunsiderevolment iktar serju fuq il-liġi nazzjonali li qiegħda tiġi mistħarrġa.

81. Fid-dawl ta' dan il-fatt, minn naħa waħda, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tabilħaqq tkun partikolarment "viġilanti" li r-risposta min-naħa tagħha hija "meħtieġa" biex il-qorti tar-rinviju ssolvi t-tilwima pendenti quddiemha, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Fid-dawl tan-natura sensittiva tas-suġġett, qorti nazzjonali ma għandhiex tistħarreġ il-kompatibbiltà tal-liġi barranija mad-dritt tal-Unjoni sempliċement għall-fini ta' kompletezza, iżda għaliex dan ikun indispensabbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tassisti lil dik il-qorti, u tagħti interpretazzjoni *erga omnes* tad-dritt tal-Unjoni, meta dan manifestament ma jkunx il-każ[66].

82. Fejn jidher li l-qorti nazzjonali għandha, inevitabbilment, twettaq tali stħarriġ sabiex issolvi t-tilwima quddiemha (li jidher li huwa l-każ hawnhekk) u li d-domandi preliminari relatati magħmula minn dik il-qorti huma, għalhekk, "meħtieġa" f'dan ir-rigward, allura l-Qorti tal-Ġustizzja *għandha tagħti risposta* għalihom. Kif indikat fit-taqsima preċedenti huwa effettivament xieraq li l-qorti nazzjonali tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari f'dan il-kuntest partikolari. Il-Qorti tal-Ġustizzja trid tagħmel il-parti tagħha. Ma tistax tħalli lil dik il-qorti waħedha biex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni. Dan huwa, fil-fehma tiegħi, l-approċċ korrett f'dan il-każ.

65 Ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2025, KN (C-219/25 PPU, EU:C:2025:456, punti 45 sa 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, der Weduwe (C-153/00, EU:C:2002:735) u tal-21 ta' Jannar 2003, Bacardi-Martini u Cellier des Dauphins (C-318/00, EU:C:2003:41).

83. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tqis, fil-mod kif hija tirrispondi, in-natura sensittiva tas-sitwazzjoni u l-limiti tal-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju, kif deskritt fil-punti 70 sa 74 iktar 'il fuq. Pjuttost milli twettaq stħarriġ komprensiv tad-dettalji kollha tal-liġi nazzjonali inkwistjoni, hija għandha, fil-fehma tiegħi, tillimita ruħha li tipprovdi elementi ta' interpretazzjoni suffiċjenti biex il-qorti nazzjonali tkun tista' tevalwa jekk il-liġi nazzjonali inkwistjoni hijiex manifestament inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Tipikament, fil-kawża prinċipali, dan ikun ifisser li jiġi spjegat jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, regoli bħal dik stabbilita fil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard jidhrux ġeneralment aċċettabbli jew, għall-kuntrarju, manifestament sproporzjonati.

84. Min-naħa l-oħra, ma naħsibx li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tidħol għal stħarriġ tal-"ġenwinità" tat-tilwima sottostanti. Infakkar li s-sentenzi fil-kawżi Foglia I u Foglia II ġew ikkritikati b'mod partikolari f'dan ir-rigward[67]. Fil-fatt, dan l-approċċ qatt ma ntuża mill-Qrati tal-Ġustizzja f'każijiet oħra li kienu jinvolvu tilwim bejn individwi fejn il-liġi nazzjonali ġiet ikkontestata indirettament, anki fejn in-natura "artifiċjali" tat-tilwima kienet pjuttost ovvja[68].

85. Mhux sejjer nirrepeti l-argumenti kollha mressqa fil-kummentarji akkademiċi kontra tali stħarriġ. Infakkar biss li l-kwistjoni ta' jekk it-tilwima fil-kawża prinċipali hijiex "ġenwina", jew jekk hijiex "kawża pilota" mressqa mill-industrija tal-logħob tal-ażżard Maltija, ma għandhiex tkun rilevanti għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dak li għandu jkun rilevanti huwa jekk qorti nazzjonali hijiex mitluba biex issolvi l-kawża u jekk risposta għad-domandi preliminari tkunx ta' għajnuna sabiex dik il-qorti tagħmel dan. Għall-kuntrarju, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE, li għandha tistħarreġ l-intenzjonijiet sottostanti tal-partijiet meta jressqu kawża. Anki kieku setgħet tagħmel dan, l-assenza ta' "ġenwinità" tkun estremament diffiċli (jekk mhux impossibbli) li tiġi stabbilita.

86. Fil-kawża preżenti, pereżempju, filwaqt li ċ-ċirkustanzi tal-każ jistgħu jqajmu xi suspetti f'dan ir-rigward, l-ebda informazzjoni li tinsab fil-proċess ma hija biżżejjed biex tiġi stabbilita, b'ċertezza, in-natura "artifiċjali" tat-tilwima.

87. L-ewwel, wieħed jista' jispekula dwar iċ-ċessjoni tat-talba tal-ġugatur. FB huwa avukat Ġermaniż, iżda matul is-seduta l-kumpanniji konvenuti ssuġġerew li huwa rreġistrat mal-Kamra tal-Avukati ta' Malta. Huwa jsostni li l-infurzar ta' tali talba tal-konsumatur huwa parti mill-"mudell tan-negozju" tiegħu u li xtara talbiet mingħand "ħafna ġugaturi" iżda, meta l-kulleġġ ġudikanti talbu jikkonferma l-ammont ta' dawn it-talbiet mixtrija, huwa wieġeb "inqas minn 10" (li jista' jfisser li xtara biss dik inkwistjoni). FB sabha diffiċli wkoll biex jispjega għaliex xtara talba li kien jaf li kienet ser tkun diffiċli biex jirkupraha, peress li l-kumpanniji Maltin jirrifjutaw tali talbiet, u r-Repubblika ta' Malta adottat l-Abbozz 55. Madankollu, huwa impossibbli li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu ssir magħrufa b'ċertezza.

88. It-tieni, wieħed jista' jistaqsi wkoll, bħal ma għamel il-Gvern Taljan, għaliex infetħu proċeduri f'Malta, meta wieħed iqis id-diverġenza ta' interessi bejn dak l-Istat Membru u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fis-sitwazzjoni inkwistjoni. Madankollu, kif issostni l-Kummissjoni, ma hemm xejn intrinsikament ħażin f'dan. Kif indikajt, il-qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni ġenerali biex jisimgħu t-tilwima, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Brussell Ia. Barra minn hekk,

67 Ara, fost l-oħrajn, ara Barav, A., nota ta' qiegħ il-paġna 51, *op. cit.*; Bebr, G., nota ta' qiegħ il-paġna 32, *op. cit.*; Hatzopoulos, V., nota ta' qiegħ il-paġna 32, *op. cit.*; u Albers-Llorens, A., "Judicial protection before the Court of Justice of the European Union", f'Peers. S. u Barnard, C. (eds), *European Union Law*, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2017, p. 299.

68 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Frar 1995, Leclerc-Siplec (C-412/93, EU:C:1995:26); tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160); u tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, EU:C:2005:709).

filwaqt li l-ġugaturi jistgħu jibdew proċeduri kontra kumpanniji tal-logħob tal-ażżard Maltin quddiem l-Istati Membri "ta' residenza" tagħhom (f'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) skont ir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur stabbiliti minn dan ir-regolament, speċjalment l-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament[69], FB, minħabba li ma huwiex huwa nnifsu konsumatur, ma setax jagħmel użu minn dawn ir-regoli[70].

89. Fl-aħħar nett, il-fatt li ż-żewġ partijiet qablu li l-qorti tar-rinviju għandha tressaq din it-talba għal deċiżjoni preliminari, kif josserva l-Gvern Taljan, lanqas ma huwa evidenza konklużiva ta' kollużjoni. Barra minn hekk, għalkemm l-oppost ma huwiex, fih innifsu, indikazzjoni; nosserva li l-partijiet ma jaqblux dwar ir-risposta li għandha tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

## B. It-talbiet ta' restituzzjoni tal-ġugaturi jikkostitwixxu abbuż tad-dritt tal-Unjoni? (is-seba' domanda)

90. Is-seba' domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda t-tieni difiża mqajma mill-kumpanniji konvenuti. Permezz ta' din id-domanda, dik il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk, meta konsumatur ikun ipparteċipa, mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, fil-logħob tal-ażżard online offrut f'dak l-Istat; mingħajr liċenzja mogħtija mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat; minn operatur tal-logħob tal-ażżard stabbilit fi Stat Membru ieħor, il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt tal-Unjoni jipprekludix lil tali konsumatur milli jressaq azzjoni ċivili kontra dan l-operatur għar-restituzzjoni tal-imħatri li huwa għamel minħabba n-nullità tal-kuntratt tal-logħob tal-ażżard sottostanti taħt il-liġi applikabbli li tirregola l-kuntratti[71].

91. Ir-risposta għal din id-domanda, fil-fehma tiegħi, hija sempliċi.

92. Minn naħa waħda, jekk mir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel sitt domandi jirriżulta li l-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard hija (manifestament) *inkompatibbli* mal-Artikolu 56 TFUE, allura tali talba ta' rimbors ta' ġugatur għandha tiġi miċħuda bħala infondata. Tabilħaqq, dik il-liġi ma għandhiex tiġi applikata, u l-kuntratt tal-logħob tal-ażżard konkluż bejn il-ġugatur u l-kumpannija tal-logħob tal-ażżard ma jistax, għaldaqstant, jitqies bħala illegali u, għalhekk, null u bla effett skont il-liġi li tirregola l-kuntratti applikabbli (f'dan il-każ id-dritt Ġermaniż).

93. Min-naħa l-oħra, jekk jiġi deċiż li r-regoli stabbiliti fil-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard huma *kompatibbli* mal-Artikolu 56 TFUE, konsegwentement id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix il-konsegwenzi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għall-offerta (jew għall-parteċipazzjoni) f'logħob tal-ażżard li huwa pprojbit skont dawn ir-regoli. Konsegwentement, il-kuntratt sottostanti tal-logħob tal-ażżard jista' jitqies bħala illegali u, għalhekk, null u bla effett skont il-liġi applikabbli li tirregola l-kuntratti. Nenfasizza li, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-kumpanniji konvenuti, dik is-"sanzjoni" (biex ngħidu hekk) ma tkunx restrizzjoni separata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li teħtieġ evalwazzjoni separata tal-legalità tagħha, iżda l-konsegwenza neċessarja u loġika li tirriżulta mill-illegalità tal-kuntratt. Il-kwistjoni dwar jekk, u sa liema punt,

[69] L-Artikolu 18(1) tar-Regolament Brussels Ia jipprovdi li konsumatur jista' jressaq proċedimenti kontra l-professjonist, fost l-oħrajn, "fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur" (*forum actoris*).

[70] Ara s-sentenza tad-19 ta' Jannar 1993, Shearson Lehman Hutton (C-89/91, EU:C:1993:15, punti 23 sa 25).

[71] Il-Gvern Ġermaniż isostni li anki din id-domanda hija inammissibbli, għar-raġuni li d-digriet tar-rinviju ma fihx spjegazzjoni suffiċjenti dwar ir-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju biex tistaqsi dwarha. Jiena ma naqbilx. Dak id-digriet isemmi li l-kumpanniji konvenuti jargumentaw li t-talba ta' FB għandha tiġi miċħuda (fost l-oħrajn) għar-raġuni li tikkostitwixxi abbuż tad-dritt tal-Unjoni. Id-digriet jiddeskrivi wkoll x'inhu l-allegat abbuż min-naħa tal-ġugatur (li jilgħab logħob tal-ażżard online minn jeddu, u mbagħad sussegwentement jitlob il-flus lura minħabba l-illegalità ta' dan il-logħob). Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha biżżejjed informazzjoni biex (i) tifhem ir-rilevanza ta' din id-domanda u (ii) tipprovdi risposta utli f'dan ir-rigward.

ix-xoljiment tal-kuntratt jinvolvix dritt għar-restituzzjoni tal-benefiċċji li kull parti rċeviet mingħand l-oħra hija, din ukoll, irregolata biss mil-liġi li tirregola l-kuntratti tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni[72].

94. Bil-kontra ta' dan, il-prinċipju ġenerali tal-projbizzjoni tal-abbuż tad-dritt tal-Unjoni huwa irrilevanti f'dan il-kuntest. Infakkar li dan il-prinċipju jipprekludi li *d-dritt tal-Unjoni* jiġi invokat għal skopijiet abbużivi[73]. Madankollu, it-talbiet ta' restituzzjoni tal-ġugaturi ma huma bbażati fuq l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda kompletament fuq *id-dritt nazzjonali* (jiġifieri, hawnhekk, il-Liġi Ġermaniża dwar il-Logħob tal-Ażżard u l-Kodiċi Ċivili Ġermaniż)[74].

95. L-argumenti pjuttost kreattivi mressqa mill-kumpanniji konvenuti u mill-Gvern Malti biex jikkonvinċu lill-Qorti tal-Ġustizzja mod ieħor ma humiex b'saħħithom biżżejjed. Jidher ċar li, kif isostnu dawn il-persuni interessati, is-sitwazzjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE minħabba n-natura transkonfinali tagħha. Madankollu, kuntrarjament għal dak li jiddikjaraw dawn il-persuni interessati, il-ġugaturi li jressqu tali talbiet ta' restituzzjoni ma humiex qegħdin jabbużaw id-dritt mogħti lilhom minn din id-dispożizzjoni li jirċievu servizzi minn Malta, għar-raġuni li kienet din il-libertà li ppermettietilhom jikkonkludu l-kuntratti tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni. L-ewwel, ma straħux fuq din il-libertà biex jikkonkludu l-kuntratti inkwistjoni. Is-sempliċi eżistenza tal-internet ippermettietilhom jagħmlu dan. It-tieni, bit-talba tagħhom għax-xoljiment ta' dawn il-kuntratti, lanqas ma huma qegħdin jistrieħu fuq dik il-libertà, iżda fuq regoli nazzjonali li jirrestrinġuha. Għall-kuntrarju, *l-ewwel difiża* tal-kumpanniji konvenuti hija bbażata fuq l-Artikolu 56 TFUE. Fil-fatt, huma dawn il-kumpanniji li qegħdin jistrieħu fuq il-libertà stabbilita f'dik id-dispożizzjoni.

96. Għaldaqstant, il-kwistjoni ta' jekk ġugatur huwiex intitolat għal rimbors tal-imħatri li għamel, jew jekk tali rimbors għandux jiġi limitat jew miċħud, kif sostnut mill-kumpanniji konvenuti u mill-Gvern Malti, għar-raġuni li t-talba hija turija ta' *mala fede*, jew ta' jekk il-ġugatur kienx, huwa nnifsu, wettaq reat billi għażel li jipparteċipa fil-logħob tal-ażżard inkwistjoni (fl-applikazzjoni ta' prinċipju bħal "Nemo auditur propriam turpitudinem allegans" tal-liġi Latina jew l-"estoppel" tad-dritt Anglosassona), hija, kif intqal qabel, waħda li għandha tiġi deċiża biss abbażi tal-liġi nazzjonali li tirregola l-kuntratt tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni (jiġifieri l-liġi Ġermaniża).

97. Fil-fatt, kif iċċara l-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, jidher li fil-liġi Ġermaniża hemm dispożizzjoni li tkopri din il-kwistjoni, jiġifieri l-Artikolu 817 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż. Dan il-gvern spjega wkoll li din id-dispożizzjoni ġiet eżaminata mill-qrati Ġermaniżi, meta ddeċidew dwar it-talbiet ta' restituzzjoni tal-ġugaturi. Jidher li l-maġġoranza tal-qrati rrifjutaw li japplikaw din id-dispożizzjoni għar-raġuni li, filwaqt li l-parteċipazzjoni fil-logħob tal-ażżard illegali hija wkoll ipprojbita skont il-liġi Ġermaniża[75], il-ġugaturi ma wettqux reat, għaliex ma kinux jafu, fil-mument tal-parteċipazzjoni fil-logħob tal-ażżard inkwistjoni, li dan il-logħob kien illegali fil-Ġermanja (peress li ġew imqarrqa li jemmnu mod ieħor mill-operatur)[76]. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumpanniji konvenuti ċaħdu li kienu ħatja li qarrqu bil-ġugaturi u staqsew jekk, fi kwalunkwe każ, l-għarfien tal-illegalità għandux verament ikun rekwiżit għall-applikabbiltà

[72] Ara l-Artikolu 12(1)(e) tar-Regolament Ruma I.

[73] Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et* (C-155/13, EU:C:2014:145, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[74] Il-fatt li, kif jargumentaw il-kumpanniji konvenuti, il-ġugaturi normalment jistrieħu fuq l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Brussell Ia biex iressqu t-talbiet tagħhom quddiem il-qrati tal-pajjiż "ta' residenza" ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Dan jikkonċerna l-ġurisdizzjoni, mhux id-drittijiet sostantivi invokati minn dawn il-ġugaturi biex jissostanzjaw it-talbiet tagħhom.

[75] Ara l-Artikolu 285 tas-Strafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali Ġermaniż).

[76] Jidher li, f'xi każijiet, imsemmija mill-Gvern Ġermaniż u minn dak Belġjan, il-qrati fil-Ġermanja rrifjutaw tali restituzzjoni abbażi tal-Artikolu 817 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż.

tal-Artikolu 817 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż. Naturalment, tali kwistjonijiet ta' fatti u ta' interpretazzjoni tal-liġi Ġermaniża għandha tiġi deċiża mill-qorti tar-rinviju u mhux mill-Qorti tal-Ġustizzja.

98. Fid-dawl ta' dan kollu, ir-risposta li għandha tingħata għas-seba' domanda għandha tkun li meta konsumatur jipparteċipa, mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, fil-logħob tal-ażżard online offrut f'dak l-Istat; mingħajr liċenzja mogħtija mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat; minn operatur tal-logħob tal-ażżard stabbilit fi Stat Membru ieħor, il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lil tali konsumatur milli jressaq azzjoni ċivili kontra dak l-operatur għar-restituzzjoni tal-imħatri li huwa għamel minħabba n-nullità tal-kuntratt tal-logħob tal-ażżard sottostanti taħt il-liġi applikabbli li tirregola l-kuntratti.

## V. Konklużjoni

99. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiddikjara li d-domandi preliminari magħmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Malta, huma ammissibbli;

– tagħti s-segwenti risposta għas-seba' domanda preliminari magħmula:

Meta konsumatur jipparteċipa, mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, fil-logħob tal-ażżard online offrut f'dak l-Istat; mingħajr liċenzja mogħtija mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat; minn operatur tal-logħob tal-ażżard stabbilit fi Stat Membru ieħor, il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' abbuż tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lil tali konsumatur milli jressaq azzjoni ċivili kontra dak l-operatur għar-restituzzjoni tal-imħatri li huwa għamel minħabba n-nullità tal-kuntratt tal-logħob tal-ażżard sottostanti taħt il-liġi applikabbli li tirregola l-kuntratti.